MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2019

Rikors Maħluf Numru 354/15 LM

**George Borg (K.I. 12355M)**

***vs.***

**1. Awtorità għat-Trasport f'Malta kif korrett b'digriet tal-5 ta' Ottubru, 2015; 2. Valletta Gateway Terminals Limited (C 38888); 3. Troy Ship Management Limited (C 36231)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' April, 2015 mill-attur **George Borg** (K.I. 12355M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponent jaħdem bħala ħaddiem tal-port mal-konvenuta Transport Malta, u dan bis-saħħa tal-liċenzja numru seba' mija u ħamsa (705);*
2. *Illi, nhar id-19 ta' Lulju, 2013, l-esponent kien qiegħed fuq xogħlu ġewwa Laboratory Wharf, Kordin – ossia ġewwa l-post li jinsab taħt il-kontroll effettiv*

*tal-kumpannija konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited (C 38888) – preċiżament abbord il-bastiment reġistrat bl-isem ta' 'Blankenese', li tiegħu l-kumpannija konvenuta Troy Ship Management Limited (C 36231) kienet l-aġent;*

3. *Illi, dakinhar tad-19 ta' Lulju, 2013, l-esponent, waqt illi kien qiegħed fuq xogħlu kif ingħad, kien involut f'inċident li seħħ unikament minħabba l-imprudenza, in-negliġenza, l-imperizja, u n-nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti da parti tal-konvenuti, jew ta' min minnhom (Dok. A);*

4. *Illi b'riżultat tal-inċident imsemmi tad-19 ta' Lulju, 2013, l-esponent sofra danni inġenti konsistenti kemm f'damnum emergens u kif ukoll f'lucrum cessans, u dan anke għaliex huwa sofra diżabilità permanenti (Dok. B);*

5. *Illi minkejja li, permezz ta' ittra uffiċjali tad-29 ta' Jannar, 2015 (Dok. Ċ), il-konvenuti ġew interpellati sabiex jassumu r-responsabbilità tal-inċident tad-19 ta' Lulju, 2013, u konsegwentement sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u għall-ħlas ta' danni favur l-esponent, l-istess konvenuti baqgħu inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli għall-inċident li seħħ nhar id-19 ta' Lulju, 2013 ġewwa Laboratory Wharf, Kordin, abbord il-bastiment reġistrat bl-isem ta' 'Blankenese', u konsegwentement l-istess konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni kollha li sofra l-istess esponenti b'riżultat tal-istess imsemmi inċident;*

2. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha li sofra l-esponent;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom, sabiex iħallsu lill-esponent id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Jannar, 2015, kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Valletta Gateway Terminals Limited** (C 38888) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta Valletta Gateway Terminals"), li ġiet ippreżentata fis-7 ta' Mejju, 2015, u maħlufa minn Doreen Curmi (K.I. 5465M), li biha eċċepiet:

1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-kawża odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 29 tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti (Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta);*

2. *Illi fit-tieni lok u in linea preliminari, is-soċjetà esponenti ma hijiex il-prinċipal tal-attur u qatt ma kienet, u għalhekk ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika u/jew kuntrattwali bejn l-attur u s-soċjetà esponenti ta' din ix-xorti, u għalhekk l-azzjoni kif proposta mill-attur ma tistax tissussisti;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur;*

4. *Illi l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ waqt li l-attur kien abbord il-bastiment 'M.V. Blankenese', fejn is-soċjetà esponenti m'għandha ebda setgħat jew responsabbiltajiet;*

5. *Illi f'kull każ, l-inċident odjern ma seħħx tort ta' xi nuqqasijiet attribwibbli lis-soċjetà esponenti u għalhekk id-dikjarazzjoni kontenuta f'paragrafu tlieta tar-rikors ġuramentat qed tiġi kontestata in kwantu s-soċjetà esponenti bl-ebda mod ma naqset mid-dmirijiet tagħha skont il-liġi;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ ukoll minħabba nuqqas da parti tal-attur li jsegwi proċeduri ta' prudenza fl-esekuzzjoni ta' xogħlu u/jew fuq il-post tax-xogħol;*

7. *Illi għalhekk l-ewwel talba attriċi kif diretta kontra s-soċjetà esponenti m'għandhiex tintlaqa';*

8. *Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jiġu likwidati jew imħallsa mis-soċjetà esponenti u għalhekk it-tieni u t-tielet talbiet għandhom jiġu miċħuda;*

9. *Salvi eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-awtorità konvenuta **l-Awtorità għat-Trasport f'Malta** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta Transport Malta"), li ġiet ippreżentata fit-8 ta' Mejju, 2015, u maħlufa minn Dr Robert Vassallo (K.I. 327778M), li biha eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament, l-isem korrett tal-esponenti skont il-liġi huwa 'l-Awtorità għat-Trasport f'Malta' u għalhekk hemm lok għal korrezzjoni tal-okkju f'dan is-sens. L-eċċipjenti qiegħda tippreżenta din ir-risposta bħala 'l-Awtorità għat-Trasport f'Malta';*

2. *Illi preliminarjament ukoll, l-eċċipjenti mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-attur;*

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjonijiet, l-Awtorità eċċipjenti mhijiex responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;*

4. *Illi wkoll fil-mertu u mingħajr preġudizzju għal fuq eċċepit, kwalunkwe danni allegati huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati;*

5. *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.*

*Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artiklu 158 (3) (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1.1 *Illi qabel xejn qed jiġi eċċepit illi m'hemm ebda entità bl-isem 'Transport Malta', kif indikat fir-rikors promutur, iżda semmai 'l-Awtorità għat-Trasport f'Malta' u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk jeħtieġ li ssir il-korrezzjoni opportuna li minn issa l-Awtorità tiddikjara li mhix se toġġezzjona għaliha;*

2.1 *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-attur;*

2.2 *Illi, filwaqt illi huwa konċess illi skont l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta) l-Awtorità eċċipjenti għandha l-funzjoni li żżomm u tħaddem portijiet f'Malta (ara partikolarment artikli 6 u 8), il-moll fejn seħħ l-inċident (Laboratory Wharf, Kordin) huwa operat mill-konvenuta l-oħra Valletta Gateway Terminals Limited, bis-saħħa ta' ftehim ta' konċessjoni (concession agreement) bejn il-partijiet. Dan huwa rikonoxxut mill-attur stess meta jgħid illi l-post "jinsab taħt il-kontroll effettiv tal-kumpannija konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited."*

2.3 *Illi dan jingħad partikolarment fid-dawl tar-Regolamenti dwar Sigurtà fil-Baċiri (Dock Safety Regulations, L.S. 429.03) maħruġa taħt l-Att dwar Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li jistabbilixxi illi r-responsabbilità għas-saħħa u s-sigurtà f'kuntest tal-port hija ta' min "għandu t-tmexxija u l-kontroll ġenerali ta' baċir, Xatt jew moll" jew, skont il-każ, "is-sid, il-kaptan jew l-uffiċjal inkarigat mill-vapur." Għandu wkoll jintwera min effettivament kien qiegħed jissuperviżjona l-operazzjoni tal-ħatt, u partikolarment jekk tqabbadx foreman tal-ħaddiema tax-Xatt.*

2.4 *Illi jsegwi illi mhijiex l-Awtorità esponenti illi għandha tirrispondi għat-talbiet tal-attur.*

3.1 *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ illi jitqies illi proċeduralment l-attur kien korrett jipproċedi kontra l-Awtorità esponenti, huwa xorta jeħtieġlu jipprova illi l-Awtorità konvenuta wettqet xi nuqqas illi jagħmilha b'xi mod responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u l-grad ta' tali responsabbilità;*

4.1 *Illi b'referenza għat-talba għal-likwidazzjoni tad-danni, filwaqt illi l-Awtorità konvenuta ttenni illi ebda danni ma huma dovuti minnha, fi kwalunkwe każ l-attur jeħtieġlu jipprova illi huwa sofra danni u juri l-quantum tad-danni sofferti;*

5.1 *Inoltre, ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kap. 12, jiġi dikjarat illi fid-dawl tas-suespost, il-fatti dikjarati mir-rikorrenti huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Troy Ship Management Limited** (C 36231), (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta Troy Ship Management"), li ġiet ippreżentata fl-14 ta' Mejju, 2015, u maħlufa minn Mauro Anastasi (K.I. 505077M), li biha eċċepiet:

*Illi t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-eċċipjenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess attur, għar-raġunijiet segwenti –*

1. *Illi l-eċċipjenti kif ċitata, ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti ma kellhiex responsabbilità għall-inċident mertu tal-kawża u għad-danni konsegwenzjali u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

3. *Illi għalhekk, in vista tal-premess, ma hemmx danni x'jiġu likwidati kontra l-eċċipjenti;*
4. *Salvi kontestazzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni finali għat-12 ta' Lulju, 2019.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur, ħaddiem tax-Xatt liċenzjat, korra f'inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol tiegħu fid-19 ta' Lulju, 2013, waqt li kien qiegħed iħott tagħbija injam minn fuq bastiment 'M V Blankenese', meta għal xi raġuni, waqt li kien qiegħed jagħmel manuvra biex jibbraga l-merkanzija, saqajh marret fi spazju

vojt, bir-riżultat li l-għata tal-plastik li kienet mgħottija biha l-merkanzija infaqgħet, u l-attur baqa' nieżel għal isfel. L-attur jikkontendi li konsegwenza tal-imsemmi inċident huwa sofra debilità permanenti, tant hu hekk li wara li seħħ l-inċident hu ma reġax irritorna x-xogħol sal-ġurnata li rtira, b'telf ta' introjtu sostanzjali għalih. Waqt is-smigħ tal-provi rriżulta li l-merkanzija rarament tintbagħat mgħottija b'materjal li ma jkunx trasparenti, b'mod li wieħed ma jkunx jista' jara x'hemm miksi fil-plastik fil-*bundles* li jkunu stivati fuq il-vapur. Mill-provi rriżulta wkoll li l-injam inkwistjoni ma kienx stivat b'mod regolari, u għalhekk l-attur ma seta' qatt jobsor jew ikun jaf li kien hemm spazju vojt bejn il-materjal. L-attur allega li dan l-inċident seħħ biss minħabba imprudenza, negliġenza, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom. Permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom kienu responsabbli għall-inċident inkwistjoni, kif ukoll għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni sofferti minnu, partikolarment dawk konsistenti f'telf ta' qligħ in vista tal-fatt li hu ma setax jirritorna lura għax-xogħol minħabba fil-ġrieħi li sofra. Fir-rikors maħluf l-attur spjega li l-moll fejn kien qiegħed jaħdem, Laboratory Wharf, f'Kordin, kien taħt il-kontroll tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals, wara li din kienet ingħatat konċessjoni minn Transport Malta sabiex tkun tista' topera dan il-moll. L-operazzjoni li kien involut fiha l-attur kienet qiegħda ssir taħt id-direzzjoni tal-*foremen* liċenzjati u mqabbdin minn Transport Malta. L-attur allega wkoll li l-konvenuta Troy Ship Management għandha responsabbilità x'iġġorr minħabba li hi kienet l-aġent tal-vapur, għalkemm waqt is-smigħ tal-kawża ġie stabbilit li din il-kumpannija ma kinitx l-aġenta tal-vapur, iżda intalbet tieħu ħsieb tal-merkanzija li kienet

qiegħda tinħatt hawn Malta sabiex titgħabba fuq żewġ vapuri oħra u tintbagħat f'port ieħor.

Il-konvenuta Valletta Gateway Terminals eċċepiet li l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġie eċċepit ukoll li hi mhix leġittima kontradittriċi minħabba li hi mhijiex il-prinċipal tal-attur u qatt ma kienet, u konsegwentement ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika u/jew kontrattwali bejnha u l-attur, u għalhekk l-azzjoni kif proposta mill-attur ma tistax tirnexxi. Il-konvenuta Valletta Gateway Terminals eċċepiet ukoll li l-inċident seħħ abbord bastiment li hi ma kellha ebda setgħat jew kontroll fuqu, u għalhekk għandu jirriżulta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tagħha li wassal għall-inċident inkwistjoni, u għalhekk m'hemm l-ebda danni dovuta min-naħa tagħha x'jiġu likwidati favur l-attur.

Il-konvenuta Transport Malta wieġbet preliminarjament hi mhijiex leġittima kontradittriċi, kif ukoll li hija m'għandha l-ebda responsabbilità fil-mertu għall-imsemmi inċident. Ġie eċċepit ukoll li minkejja li hi bħala awtorità regolatorja, għandha l-funzjoni li tħaddem il-portijiet f'Malta, il-moll fejn seħħ l-inċident huwa operat mill-konvenuta Valletta Gateway Terminals, u għalhekk bis-saħħa ta' dak li jiddisponu d-*Dock Safety Regulations* (L.S. 429.03) ir-responsabbilità tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema hija ta' min ikollu t-tmexxija u l-kontroll ġenerali tal-moll li x-xogħol ikun qiegħed isir fuqu u mhux tal-awtorità regolatorja.

Min-naħa tagħha l-konvenuta Troy Ship Management eċċepiet li hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, u għalhekk hi m'għandha

terfa' l-ebda responsabbilità għall-inċident u għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors maħluf, l-attur ippreżenta kopja ta' rapport li sar mill-Health and Safety workers' representative Eric Cutajar[1], u dan in segwitu għall-inċident li seħħ fid-19 ta' Lulju, 2013, għall-ħabta tat-3:30p.m. abbord il-bastiment Blankanese. Ir-rapport jelenka d-diversi nuqqasijiet li kien hemm fuq il-post tal-inċident, li skont dan ir-rapport ilkoll ikkontribwew għall-inċident fejn korra l-attur meta waqa' f'żona tal-vapur fejn kien hemm stivati diversi serratizzi ta' qisien differenti, lesti biex jinħattu.[2] Il-parti konklussiva tar-rapport, b'mod partikolari tikkonstata illi:

> *"If the bundles with the different lengths had been placed not protruding out onto a drop the accident would have been minor. Bundles should have had a safe flat surface all round so as to cut down the risk of falling for stevedores. Area as it is was not safe to handle the bundles since the wood was cut in different lengths, and there was nothing underneath to stop workers from falling onto deck. The stevedore stood on the plastic that gave way and thus he ended on the deck with various injuries. At this point VGT agreed to provide a platform to make the handling of these few bundles safer. In that way workers had a safe area where to stand if they need to hook up these loads and to avoid walking on the bundles."*

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.

[2] Estratt mir-rapport jgħid illi: "[*t*]*hese bundles were covered in plastic sheets that hid the gaps that were in between the beams. To make things worse these bundles were positioned in front of the bridge area and the drop on to the deck area was dangerously high. These bundles seem to be the only ones that could be seen with different lengths. ... Some areas had gaps in between the bundles that were of a low risk since the drop was only around a meter. Other bundles had a higher risk because the space left at the end of the hatch cover was not enough or in the case of where the incident happened none at all."*

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' rapport bla data li sar mill-kirurgu **Mr Raymond Gatt** in segwitu għall-inċident inkwistjoni[3], li jikkonstata li l-inċident seħħ meta l-attur kien qiegħed iħott għadd ta' serratizzi minn fuq il-bastiment inkwistjoni, meta siequ weħlet ma' xi kisi tal-plastik li kien hemm, u dan waqa' għoli ta' sular u nofs, u weġġa' l-parti xellugija ta' ġismu. Mr Gatt kkonstata li l-attur ittieħed l-isptar b'ambulanza, fejn sarulu għadd ta' testijiet, u fejn ġie stabbilit li dan kellu ksur fil-kustilji tax-xellug. L-attur baqa' jilmenta minn uġigħ fi spalltu tax-xellug, u minn testijiet radjografiċi li sarulu ġie stabbilit li hu kien qiegħed ibati minn *rotator cuff tear* tal-ispalla tax-xellug. Minn testijiet oħrajn ġie stabbilit li l-attur kien qiegħed ibati wkoll minn deġenerazzjoni fix-xewka tad-dahar, u minkejja li l-attur ingħata diversi sessjonijiet ta' fiżjoterapija, huwa għadu jħoss diversi sintomi marbuta mal-inċident, liema sintomi u wġigħ qegħdin jillimitawh fl-attivitajiet tal-ħajja tiegħu ta' kuljum. In vista ta' dawn ir-riżultanzi, u in vista tal-fatt li l-konsegwenzi tal-inċident qegħdin itellfu lill-attur milli jkompli bl-attivitajiet tiegħu ta' kuljum, ġie stabbilit li huwa kien qiegħed ibati minn debilità permanenti ta' disgħa fil-mija (9%).

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' ittra uffiċjali li ntbagħtet lill-konvenuti fid-29 ta' Jannar, 2015, fejn interpellahom jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti minnu konsegwenza tal-imsemmi inċident.[4]

Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2015 xehed **Eric Cutajar**[5], *port worker,* li qal li huwa inkarigat minn xogħol fil-Marsa u fil-Port Ħieles u huwa wkoll rappreżentant tal-ħaddiema għal dik li hija saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-

[3] *A fol.* 7 tal-proċess.
[4] *A fol.* 10 tal-proċess.
[5] *A fol.* 35 tal-proċess.

xogħol. Ix-xhud qal li l-attur huwa kollega tiegħu fuq il-post tax-xogħol, u r-rapport li ġie esebit mill-attur[6], kien ġie redatt minnu. Ix-xhud qal li normalment huwa jintalab imur fuq is-sit fejn ikun seħħ xi inċident mill-*manager* tal-uffiċċju tal-*port workers* fil-Marsa, li huwa ġestit minn Transport Malta, u kkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident li fih kien involut l-attur huwa kien mar fuq il-post tal-inċident. Qal li meta wasal fuq il-post fejn seħħ l-inċident sab li l-attur kien diġà ttieħed l-Isptar, u kien il-*foreman* li talbu jitla' abbord sabiex jara l-merkanzija kif kienet stivata fuq il-vapur, u x'kienet ir-raġuni għalfejn seħħ l-inċident. Kompla jispjega li minn dak li seta' jikkonstata hu fuq il-post, kien hemm numru ta' spazji vojta bejn serratizz u ieħor, li ma kinux jidhru taħt il-plastik, u f'ħin minnhom sieq l-attur marret fil-vojt, il-plastik infaqa' u l-attur baqa' nieżel għal isfel f'għoli ta' aktar minn żewġ metri. Ix-xhud qal li l-Valletta Gateway Terminals Limited, li hija t-*terminal operator,* normalment ikollha persuna inkarigata mix-xogħol, u tieħu ħsieb tqabbad il-*port workers* sabiex issir il-biċċa xogħol partikolari. Qal li meta hu ddiskuta ma' esponenti tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals, dawn qablu li kellhom jipprovdu xi tip ta' *stand* jew pjattaforma sabiex ix-xogħol ikun jista' jsir minn fuqha, u inċidenti simili jiġu evitati. Ix-xhud qal ukoll li meta jkun hemm sitwazzjonijiet simili, il-konvenuta Valletta Gateway Terminals qiegħda tassigura li jiġu implimentati l-miżuri neċessarji sabiex inċidenti bħal dak li kellu l-attur ma jirrepetux ruħhom. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li kienet il-konvenuta Valletta Gateway Terminals, flimkien mal-*foreman* inkarigat minnha, li kellhom jipprovdu l-attrezzatura neċessarja sabiex setgħet tinħatt il-merkanzija. Ix-xhud speċifika li hu r-rappreżentant tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, u żied jgħid li l-*port workers* bħala settur ta'

---

[6] *A fol.* 5 tal-proċess.

ħaddiema m'għandhomx *health and safety officer* fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

Permezz ta' nota tal-5 ta' Ottubru, 2015, l-attur ippreżenta kopja tar-rapport redatt mill-*health and safety representatives* tal-ħaddiema tax-Xatt, flimkien ma' ritratti bil-kulur li juru l-post fejn seħħ l-inċident.[7]

Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2015 xehed **George Portelli**[8], li qal li hu jaħdem bħala *foreman* tal-ħaddiema tax-Xatt, u dakinhar tad-19 ta' Lulju, 2013, huwa kellu jipprovdi l-għodda, jikkoordina x-xogħol u jara li x-xogħol li kien qiegħed isir, jitmexxa kif suppost. Qal li teżisti *roster* u jaħdem bħala *foreman* min ikun imissu, u dakinhar tad-19 ta' Lulju, 2013, huwa kien imissu jmur jaħdem fuq il-vapur 'Blankenese'. Qal li l-operazzjoni kienet waħda normali, u l-unika ħaġa li kien hemm li ma kinitx tas-soltu kienet li l-merkanzija, li kienet tikkonsisti f'injam li kien miksi bil-plastik. Qal ukoll li l-merkanzija kienet fil-miftuħ, fuq il-gverta tal-vapur. Spjega kif l-inċident seħħ minħabba li s-serratizzi ma kinux kollha tal-istess daqs, u kien hemm il-vojt bejn *bundle* u ieħor, xi ħaġa li ma kinitx viżibbli għall-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-post. Qal li l-inċident tal-attur seħħ meta saqajh marret fil-vojt bejn il-biċċiet tal-injam, u dan waqa' għal isfel.[9] Ix-xhud kompla jispjega li minkejja li huwa ma rax l-inċident iseħħ, huwa sema' l-għajjat u meta ntebaħ li l-attur kien weġġa', baqa' jassistih sakemm waslet l-ambulanza. Ix-xhud qal li dik it-tip ta' merkanzija li kienet qiegħda tinħatt dakinhar, ma kinitx maħsuba għas-suq lokali, u qal li dik kienet l-unika darba li fil-Port inħattet merkanzija ta' dak it-

---

[7] *A fol.* 43 tal-proċess.

[8] A fol. 49 tal-proċess.

[9] Fi kliem ix-xhud, "[p]arti mix-xogħol li aħna ma konniex nafu biha, stajt laqqattha jien, seta' kien ħaddieħor, il-biċċa li kien hemm il-*bundles* li l-injam ma kienx indaqs. *In between* kien hemm l-ispazju ġol-istess *bundle* peress illi s-serratizzi ma kinux indaqs. ... Aħna mingħalina li jkunu *solid* u kollu *equal* minn tarf sa tarf. Il-*bundle* li rifes is-Sur Borg ma kienx *equal,* kien hemm il-vojt *in between* fil-*bundle.* Jidher li saqajh sfortunatament ġiet fil-vojt u ġara dak li ġara."

tip. Qal ukoll li hu ma jkollux x'jaqsam mal-aġent tal-vapur, u hu kien ġie mqabbad mill-konvenuta Valletta Gateway Terminals, li titlob is-servizz tal-*foreman* sabiex dan jarmalha l-vapuri bin-nies, u Valletta Gateway Terminals tieħu ħsieb li tiġbor il-flus tal-*handling charges* mingħand l-importatur. Żied jgħid li fl-aħħar tax-xahar hu jieħu *cheque* mingħand il-koperattiva tal-*foremen* tax-Xatt.

Permezz ta' nota tat-18 ta' Novembru, 2015, l-attur ippreżenta żewġ dokumenti, li juru d-diskrepanza bejn d-dħul tiegħu wara l-inċident, u d-dħul ta' ħaddiem tax-Xatt ieħor li baqa' jaħdem regolarment.[10] L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' rapport ta' korriment u applikazzjoni għall-benefiċċju li kien ippreżenta lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.[11]

Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2015, xehed **Geoffrey Busuttil**[12], li qal li huwa jaħdem fl-uffiċċju tal-*Manager* tal-*Port Workers,* Transport Malta, u f'din il-kariga hu jieħu ħsieb jagħmel xogħol ta' relazzjonijiet pubbliċi u ta' riżorsi umani. Ix-xhud qal li l-ħaddiema tax-Xatt imorru jaħdmu fejn jintalbu minn Transport Malta, u dawn jintbagħtu skont il-ħtiġijiet tal-aġenti. Spjega li Transport Malta għandha l-uffiċċju tal-*Manager* tal-ħaddiema tax-Xatt li jieħu ħsieb jiġbor il-flus mingħand l-aġenti tax-xogħol li jkunu għamlu, u dawn il-flejjes sussegwentement jitħallsu lill-ħaddiema tax-Xatt, wara li jinqatgħu il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa dovuta lill-Gvern. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien talab l-assistenza tal-uffiċċju tiegħu minħabba li għamel perijodu ta' żmien li fih ma setax jidħol għax-xogħol. Dan ix-xhud ikkonferma li għall-perijodu fejn l-attur ma setax jidħol xogħol bejn id-19 ta'

[10] *A fol.* 59 tal-proċess. Id-diskrepanza fid-dħul hija ta' €35,882.90.
[11] *A fol.* 60 tal-proċess.
[12] *A fol.* 66 tal-proċess.

Lulju, 2013 sal-21 ta' Lulju, 2014, dan tilef l-ammont ta' €35,882.90. Ix-xhud qal ukoll li l-ħaddiema tax-Xatt għandhom tip ta' assigurazzjoni li titħallas lilhom għal perijodu ta' 104 ġimgħat (sentejn) wara li jsofru korriment fuq il-post tax-xogħol, u li din l-assigurazzjoni tammonta għal €37.50 kuljum. Qal li dawn il-flus jitħallsu mill-*pension and contingency fund,* li huwa fond imwaqqaf speċifikament għall-ħaddiema tax-Xatt. Ix-xhud iċċara wkoll li l-komputazzjoni tal-*loss of earnings* inħadmet wara li tnaqqsu l-flus tal-assigurazzjoni, id-dħul kollu tal-attur, il-*bonuses* u kwalunkwe ħlas ieħor li seta' sar lilu. Ix-xhud qal ukoll li l-bolla tal-ħaddiema tax-Xatt titħallas minn Transport Malta wara li din tkun ġabret dawn il-flejjes mingħand l-aġent, u qal ukoll li hemm *roster* imħaddma minn Transport Malta li tassenja l-ħaddiema skont l-operazzjonijiet li jkunu meħtieġa li jitmexxew. Qal li l-obbligu tal-ħlas tal-bolla lill-Gvern fir-rigward ta' kull ħaddiem tax-Xatt huwa ta' Transport Malta. Ix-xhud qal li sa fejn jaf hu, sa dakinhar l-attur kien għadu ma daħalx lura xogħol.

Il-kontroeżami ta' **George Portelli** sar fl-4 ta' Frar, 2016[13], fejn ikkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident, il-materjal fuq il-vapur kien miksi bil-plastik, u minn barra wieħed ma setax jiddetermina jekk l-injam kienx kollu tal-istess daqs. Qal li kien biss wara li seħħ l-inċident tal-attur li kien ġie stabbilit li bejn il-plastik kien hemm il-vojt. Żied jgħid li l-injam li kien hemm fuq il-vapur li fuqu seħħ l-inċident, kien qiegħed jinħatt sabiex jerġa' jitgħabba fuq vapur ieħor, minħabba li din il-merkanzija ma kinitx maħsuba għas-suq lokali. Ix-xhud qal li din ma kinitx l-ewwel darba li waslet konsenja injam li kienet miksija bil-plastik, iżda li jiġri soltu huwa li l-injam ikun kollu tal-istess daqs. Ix-xhud iċċara

[13] *A fol.* 78 tal-proċess.

wkoll li l-istruzzjonijiet u l-*go-ahead* dwar l-ammont ta' ħaddiema li jkunu meħtieġa biex jaħdmu fuq vapur jingħataw mill-konvenuta Valletta Gateway Terminals.

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Frar, 2016 sar il-kontroeżami tax-xhud **Eric Cutajar**[14], li qal li ma kienx possibbli għalih li jivverifika min kien responsabbli sabiex jistiva u jiksi bil-plastik dawn is-serratizzi tal-injam fuq il-vapur. Ix-xhud spjega li kull vapur li jinfetaħ għandu l-istorja tiegħu, u jkun biss meta jinfetaħ il-vapur li wieħed ikun jista' jara l-merkanzija kif ġiet stivata, u jekk din ġietx stivata b'mod korrett.

Waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2016 xehed **George Ciantar**[15], li qal li kien jaħdem bħala *manager* tal-ħaddiema tax-Xatt qabel irtira, u f'dan ir-rwol kien jieħu ħsieb iħallas lill-ħaddiema tax-Xatt fl-aħħar tax-xahar. Huwa kien jieħu ħsieb ukoll jordna l-vapuri u jassenja x-xogħol lill-ħaddiema tax-Xatt kull filgħodu. Qal li hu kien jitħallas minn Transport Malta. Ix-xhud spjega li x-xogħol tiegħu kien jinvolvi li jorganizza konferenza ġurnata qabel isir ix-xogħol, bl-involviment tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals u l-*foreman,* isir *assessment* tal-vapuri li jkunu ser jidħlu l-għada, u wara jiġi kkonfermat kemm *port workers* ikunu meħtieġa sabiex dawn jiġu assenjati skont il-bżonn. Ix-xhud qal li l-*foreman* huwa impjegat ta' Transport Malta wkoll. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident tad-19 ta' Lulju 2013, huwa kien mar fuq il-post, u ra li kien hemm toqba fil-plastik. Qal li l-vapur kien mgħobbi bl-injam, u qal li minkejja li konsenji ta' injam soltu jkunu stivati ħdejn xulxin, f'dan il-każ kien hemm spazju bejn l-injam li kien miksi bil-plastik. Qal li l-merkanzija kienet miksija

[14] *A fol.* 82 tal-proċess.
[15] *A fol.* 90 tal-proċess.

b'tali mod li wieħed ma setax jara x'kien hemm taħt il-plastik li ma kienx trasparenti bħalma jkun is-soltu. Ix-xhud qal li l-attur waqa' għoli ta' madwar sular, u minn dan il-plastik partikolari ma kien jidher xejn għax kien maħmuġ. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li huma l-*foreman* u l-konvenuta Valletta Gateway Terminals li jistabbilixxu x'inġenji u apparat ikunu meħtieġa għax-xogħol. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li x-xogħol ma kienx stivat kif suppost, meta tħares lejh ma stajtx tinduna li ma kienx stivat sew. Qal li wara li seħħ l-inċident, hu seta' jara li lanqas il-*bundles* ma kellhom is-serratizzi apposta biex ikunu jistgħu jitqabbdu l-ganċijiet magħhom. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li huma l-*foreman* u l-konvenuta Valletta Gateway Terminals li jistabbilixxu jekk il-merkanzija hijiex stivata kif għandha tkun sabiex tkun tista' tinħatt.

Fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2016 xehed **Redent Zammit**[16], li qal li hu ilu jaħdem bħala ħaddiem tax-Xatt għal perijodu ta' seba' snin, u lill-attur jafu bħala kollega tax-xogħol. Ix-xhud ikkonferma li hu kien preżenti fuq il-post meta seħħ l-inċident inkwistjoni. Qal li fil-ħin tal-inċident, il-bastiment kien qiegħed jinħatt mill-merkanzija, u dak il-ħin, hu u l-attur kienu fuq id-*deck* tal-vapur, meta qabdu l-*bundle,* ressqu l-ganċijiet sabiex jibbragaw il-merkanzija, u hu qabbad il-ganċ mal-merkanzija min-naħa tiegħu, filwaqt li stenna lill-attur iqabbad min-naħa fejn kien hu. Qal li dak il-ħin ma rax lill-attur aktar, filwaqt li beda jisma' lil xi ħadd jgħajjat bl-uġigħ. Qal li l-merkanzija li kienet qiegħda tinħatt kienet mgħottija bi plastik oħxon abjad, u ma stajt tara xejn minn ġo fih. Spjega li l-attur waqa' meta sab il-vojt bejn is-serratizzi tal-injam. Qal li dak il-ħin hu ppanikkja u għajjat lill-*foreman.* Spjega li hu bħala ħaddiem tax-Xatt

[16] *A fol.* 95 tal-proċess.

jitħallas minn Transport Malta, u l-operat tal-ħaddiema jitmexxa mill-*foreman* u mill-Valletta Gateway Terminals. Ix-xhud qal li huwa l-*foreman* li jidderieġi lill-ħaddiema u jgħidilhom x'apparat ikun meħtieġ u x'sistemi għandhom jintużaw. Ix-xhud qal li l-unika informazzjoni li ngħatatilhom kienet li l-vapur kellu konsenja injam li kellha tinħatt, iżda ma ngħatawx aktar dettalji. Qal ukoll li bħalma jiġri s-soltu, hu u l-attur talbu li fuq il-vapur imur il-*health and safety officer,* iżda sakemm dan wasal fuq il-post, huma laħqu bdew iħottu t-tagħbija, sabiex ma jwaħħlux fihom li l-vapur tħalla marbut mingħajr ma beda jinħatt. Ix-xhud qal li l-*health and safety officer,* Eric Cutajar, wasal fuq is-sit wara madwar nofs siegħa wara li kien beda jsir il-ħatt. Ix-xhud qal li ma jafx jekk wara dan l-inċident inbidlux il-metodi tax-xogħol, inkluż li beda jsir użu minn *scafolding*, għalkemm żied jgħid li wara li seħħ dan l-inċident, hu u l-ħaddiema l-oħra intalbu mill-*foreman* biex joqogħdu attenti.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2016 xehdet **Doreen Curmi** [17], in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited, li qalet li hi *manager legal and claims* mal-istess kumpannija, u kienet ilha f'din il-kariga għal perijodu ta' 6 snin. Ix-xhud ġiet murija d-dokument *a fol.* 60 tal-proċess, u kkonfermat li kienet hi li mliet parti minn dik id-dokumentazzjoni sabiex l-attur seta' jibbenefika mill-għajnuna soċjali fil-perijodu li fih ma kienx qiegħed jaħdem. Qalet li l-konvenuta Valletta Gateway Terminals hija l-prinċipal għaż-żmien li matulu jkun qiegħed jinħatt il-vapur, u huwa għalhekk li parti mid-dokumenti uffiċjali li jintbagħtu d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jimtlew minn Valletta Gateway Terminals.

[17] *A fol.* 108 tal-proċess.

Waqt l-istess udjenza xehed **Alex Ciantar**[18], li qal li hu ħaddiem tax-Xatt u ilu jagħmel dak ix-xogħol madwar tmien snin. Ix-xhud qal li dakinhar tad-19 ta' Lulju, 2013 hu kien xogħol fuq il-vapur qiegħed iħott l-injam, li kien stivat fuq xulxin u miksi bi plastik abjad. Qal ukoll li minn dan il-plastik ma kien jidher xejn. Qal li xogħol il-ħaddiema tax-Xatt dakinhar kien li  jitla' fuq l-injam mgħotti bil-plastik, l-injam jiġi bbragat u jinħatt minn fuq il-vapur għal fuq l-art. Ix-xhud qal li l-attur waqa' għal isfel meta waqt li kien miexi fuq l-injam sab il-vojt, bir-riżultat li baqa' nieżel għal isfel. Ix-xhud qal li l-ħaddiema li kienu xogħol fuq il-vapur dak il-ħin, marru jagħtu l-assistenza lill-attur. Iżda wara li l-attur ittieħed l-Isptar, l-operazzjoni tal-ħatt tal-vapur tkompliet xorta waħda. Ix-xhud qal li bħala ħaddiem tax-Xatt, fl-aħħar tax-xahar hu jirċievi s-salarju tiegħu mingħand Transport Malta, u l-assenjazzjoni tal-ħaddiema fuq il-vapuri differenti ssir minn *roster keeper* mill-uffiċċju ta' Transport Malta. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident, kien hemm erba' persuni li kienu xogħol fuq il-vapur, tnejn fuq stiva u tnejn fuq oħra, u l-*foreman* kien preżenti sabiex jarma l-għodda biex il-ħaddiema tax-Xatt ikunu jistgħu jaħdmu, u biex jidderieġi x-xogħol. Ix-xhud qal li meta x-xogħol ikun skabruż, ħafna drabi jkun il-*foreman* li jgħid lill-ħaddiema x'għandhom jagħmlu u biex jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa. Ix-xhud ikkonferma li l-vapur wasal stivat minn barra minn Malta, u l-merkanzija nksiet bil-plastik minn barra. Ix-xhud ikkonferma wkoll li dakinhar li seħħ l-inċident, il-ħaddiema kollha kienu lebsin l-ilbies u t-tagħmir protettiv. Ix-xhud qal li mhux normali li tagħbija injam tasal mgħottija, u l-injam s-soltu jkun mgħotti bil-*hatchover.* Qal li f'dan il-każ l-injam kien fuq l-istiva tal-vapur, u biex jiġi protett mill-elementi, ġie miksi fil-plastik. Qal ukoll li għal xi raġuni, il-*bundle* partikolari li rifes fuqu l-attur ma kienx *bundle* sħiħ, iżda kellu n-nofs

[18] *A fol.* 111 tal-proċess.

tiegħu vojt, b'mod li meta l-attur tefa' siequ fuqu, il-plastik infaqa' u l-attur baqa' nieżel għal isfel.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2016 xehed **Mr Raymond Gatt**[19], li qal li l-attur huwa pazjent tiegħu, u hu kien rah peress li wara l-inċident l-attur baqa' muġugħ fi spalltu, minkejja li kien għamel diversi sessjonijiet ta' terapija u kien ingħata trattamenti konvenzjonali.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2016 xehed **Carmelo Anastasi**[20], direttur tal-konvenuta Troy Ship Management Limited, li qal li din il-kumpannija tagħmel xogħol ta' *shipping agent* u *chartering.* Qal li f'dan il-każ Troy Ship Management Limited kienet tqabbdet mis-sid tal-merkanzija minħabba li kien hemm mandat fuqha, u meta tneħħa l-mandat, is-sid ikkuntattjah u talbu jagħmel kuntatt mal-Valletta Gateway Terminals Limited sabiex ikun jista' jibda l-ħatt tal-vapur. Qal li Troy Ship Management Limited ma kinitx ġiet mgħarrfa bl-inċident li kien involut fih l-attur.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2016 kompla jixhed **Mr Raymond Gatt**[21], li qal li huwa baqa' jsegwi lill-attur fi kliniċi privati, u l-aħħar li rah kien fil-11 ta' Ġunju, 2015 meta kien irreferieh għand speċjalista ieħor sabiex isirlu intervent fuq l-ispalla tax-xellug, u dan minħabba li l-attur baqa' muġugħ minkejja t-terapija u mezzi aktar konservattivi li kien soġġett għalihom. Ix-xhud spjega li t-tiċrita li l-attur sofra fi spallejh kienet għadha ma fiqitx, u kien għalhekk li huwa kien irrakkomanda li l-attur jagħmel operazzjoni.

---

[19] *A fol.* 125 tal-proċess.
[20] *A fol.* 128 tal-proċess.
[21] *A fol.* 136 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2016, reġa' xehed **Carmelo Anastasi**[22], li pproduċa għadd ta' manifesti b'informazzjoni dwar minn fejn għabba l-merkanzija il-vapur Blankenese.[23] Ix-xhud qal li Troy Management Limited ħallset lil Valletta Gateway Terminals Limited, u Troy Management Limited kienet tħallset minn kumpannija bl-isem ta' Helaska għax-xogħol ta' ħatt ta' merkanzija minn fuq vapur, li kellha titgħabba fuq vapur ieħor. Ix-xhud speċifika wkoll li l-kumpannija rappreżentata minnu ma kinitx l-aġent tal-vapur.

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017 xehed **Mario Portelli**[24], li qal li hu jaħdem bħala *financial controller* fl-uffiċċju tal-ħaddiema tax-Xatt fil-bini ta' Transport Malta. Ix-xhud ippreżenta dokument bil-komputazzjoni tat-telf li sofra l-attur fil-perijodu bejn id-19 ta' Lulju, 2013 u s-26 ta' Novembru, 2016.[25] Ix-xhud qal li f'dan il-perijodu bħala dħul l-attur tilef l-ammont ta' €115,973.60, meta kkomparat ma' ħaddiema oħrajn bħalu li baqgħu jaħdmu regolarment.

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur qal[26] li huwa kien ilu jaħdem bħala *port worker* għal aktar minn 30 sena, u fis-26 ta' Novembru, 2016, huwa laħaq l-età pensjonabbli meta għalaq l-età ta' 62 sena. L-attur qal li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien intbagħat mill-*port workers division* sabiex jaħdem ġewwa Laboratory Wharf, Kordin, abbord il-bastiment bl-isem ta' 'Blankanese', flimkien ma' Alex Ciantar u Redent Zammit, u l-istruzzjonijiet dakinhar huma ħaduhom mingħand il-*foreman* ta' Transport Malta, George Portelli. L-attur żied jgħid li dan il-port kien immexxi minn Valletta Gateway Terminals Limited,

---

[22] *A fol.* 140 tal-proċess.
[23] *A fol.* 144 *et seq.* tal-proċess.
[24] *A fol.* 161 tal-proċess.
[25] *A fol.* 165 tal-proċess.
[26] *A fol.* 177 tal-proċess.

u meta ngħataw l-inkarigu hu u l-ħaddiema sħabu kienu ġew infurmati li fuq il-vapur kien hemm tagħbija injam. Kompla jgħid li l-merkanzija, li kienet stivata fuq il-gverta tal-vapur, kienet miksija bi plastik abjad li ma kienx trasparenti, u meta hu ħares lejn il-merkanzija, ra li dan l-injam kien imqassam f'*bundles,* għalkemm hu ma setax jara eżattament x'kien hemm taħt il-plastik. Qal li mill-esperjenza tiegħu, l-unika merkanzija li kienet tiġi miksija bil-plastik kienet dik li jkun fiha *chipboard* jew *plywood* u dak il-materjal ikun kollu tal-istess daqs, u spjega kif sabiex iħottu dan il-materjal fuq l-art, hu u sħabu kellhom ta' bilfors jimxu fuq dawn il-*bundles,* sabiex iqabbduhom biċ-ċinga mal-*crane.* Kompla jgħid li x-xogħol inbeda waranofsinhar, waqt li hu kien miexi fuq il-*bundles* għall-ħabta tat-2:45p.m., ċeda l-plastik minn taħt saqajh, bir-riżultat li waqa' għoli ta' madwar żewġ metri. L-attur qal li kien biss wara l-inċident li ġie stabbilit li l-injam li kien hemm fil-*bundles* ma kienx kollu tal-istess daqs, u għalhekk ċertu postijiet fil-*bundles* kienu vojta. Qal li konsegwenza tal-waqgħa li kellu, hu ttieħed l-isptar fejn dam rikoverat madwar sitt ijiem, u fejn ġie stabbilit li hu kellu sitt kustilji miksurin, u tiċrita fil-pulmun, bir-riżultat li għal perijodu ta' żmien tilef il-funzjoni tal-parti tax-xellug ta' ġismu. Konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur għamel żmien ma jistax jorqod f'sodda, u kellu jorqod fuq sufan li kien xtara apposta. F'Marzu tal-2014 kellu jagħmel intervent kirurġiku ieħor. L-attur qal ukoll li kien għamel żmien twil imur għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija sabiex jikseb lura l-funzjonijiet li kien tilef, u minkejja dan kollu, spjega li xorta waħda baqa' muġugħ. Minn *ultrasound* li għamel fi Frar tal-2014, irriżulta li l-attur kellu wkoll tiċrita fil-muskoli, u kien sarlu intervent kirurġiku ieħor fil-15 ta' April, 2016, liema intervent kellu jsir fi sptar privat. L-attur qal li wara kull intervent li sarlu, huwa kellu jagħmel sessjonijiet ta' fiżjoterapija, u tul dan iż-żmien kollu huwa ma setax jidħol għax-xogħol. Spjega

wkoll li għall-ispejjeż materjali li sofra, bħalma kienu l-mediċini, l-operazzjonijiet u spejjeż oħra, hu tħallas mill-iskema tal-assigurazzjoni tal-ħaddiema tax-Xatt, u għalhekk ma baqgħalu ebda pretensjonijiet f'dan ir-rigward. L-attur qal ukoll li hu kien ingħata somma flus mill-*port workers pension and contingency fund* minħabba fid-diżabilità ta' 9% sofferta minnu*,* u għalhekk ma fadallu l-ebda pretensjoni ulterjuri f'dan ir-rigward. L-attur qal li l-unika pretensjoni li baqgħalu hija dwar t-telf ta' qligħ li huwa sofra fil-perijodu bejn id-19 ta' Lulju 2013 u s-26 ta' Novembru 2016, matul liema perijodu huwa xorta waħda kellu dħul bħala *injured port worker,* li però kien ferm anqas milli kieku baqa' jidħol għax-xogħol regolarment. L-attur għamel riferiment għax-xhieda ta' Mario Portelli mogħtija fl-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017, u qal li huwa sofra telf ta' €115,973.60. Żied jgħid li minbarra d-dħul bħala *injured port worker,* huwa ngħata wkoll għajnuna soċjali, li b'kollox kienet tammonta għal €20,540 li minnhom ħallas €2,668 bħala taxxa, u għalhekk id-dħul nett kien ta' €17,872, sabiex b'hekk it-tnaqqis fid-dħul tiegħu b'kollox kien jammonta għal €98,101.60. L-attur ikkonkluda billi għamel riferiment għall-pożizzjoni li ħadu l-konvenuti fil-kawża, u qal li kien George Ciantar il-*Manager* tal-*Port Workers* ta' Transport Malta, li kien infurmah li Troy Ship Management Limited kienet l-aġent tal-vapur li fuqu seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. L-attur ippreżenta diversi dokumenti, fosthom ritratti li juru l-post fejn seħħ l-inċident[27]; *case summary* maħruġa mill-isptar[28]; *ticket of referral* għad-Dipartiment tal-Ortopedija[29]; u riżultati ta' testijiet mediċi u *reviews* kliniċi wara l-interventi li sarulu.[30]

---

[27] *A fol.* 181 tal-proċess.
[28] *A fol.* 183 tal-proċess.
[29] *A fol.* 186 tal-proċess.
[30] *A fol.* 188 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2017 xehed **James Borg**[31], *senior operations supervisor* tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals, li qal li r-rwol tiegħu huwa li jassigura li jkollu t-tagħmir meħtieġ biex ikun jista' jsir ix-xogħol fuq il-vapur, u li għandu n-nies meħtieġa biex ix-xogħol isir. Żied jgħid li l-operazzjoni li kien hemm bżonn li ssir fuq il-vapur 'Blankanese' kienet dik ta' ħatt ta' injam, li kien sejjer fi tliet portijiet differenti, u sabiex issir din il-biċċa xogħol kien hemm il-ħtieġa ta' *foreman* liċenzjat minn Transport Malta, li jibda billi jagħmel *safety checklist* li ssir wara li l-*operations supervisor* u l-*foreman* jitilgħu abbord u jaraw ix-xogħol, flimkien mal-kaptan tal-bastiment.[32] Ix-xhud ikkonferma li f'dan il-każ iċ-*checklist* kienet saret. Ix-xhud kompla jgħid li ssir analiżi tat-tagħmir kollu li ser jintuża waqt ix-xogħol, sabiex jiġi stabbilit li qiegħda tintuża l-għodda kif suppost, li jkun hemm l-*ispecial gear* meħtieġ u li jkun hemm *gangway* li qiegħda tiffunzjona tajjeb. Ix-xhud qal li l-metodi ta' xogħol użati huma maħsuba sabiex jiġi assigurat li kemm jista' jkun ma jweġġa' ħadd. Ix-xhud qal li n-norma hija li meta l-materjal impurtat ikun miksi bil-plastik, dan ikun plastik trasparenti, u mhuwiex normali li l-materjal jitwassal mgħotti fi plastik li ma tistax tara x'hemm taħtu. Qal ukoll li l-kaptan ma jippermettix li l-plastik jitneħħa jew jitqatta' sabiex wieħed jara x'ikun hemm stivat taħtu. Ix-xhud qal li wara li saret din il-biċċa xogħol, ġie stabbilit li fuq il-vapur ma kien hemm l-ebda lok ta' alarm, u għalhekk seta' jinbeda x-xogħol mill-ħaddiema tax-Xatt, taħt is-sorveljanza tal-*foreman*, li hu liċenzjat minn Transport Malta. Ix-xhud qal li sabiex issir operazzjoni ta' ħatt ta' merkanzija, jintuża wkoll tagħmir tas-*subcontractors* tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals. Ix-xhud qal li biex issir l-operazzjoni ta' ħatt, il-*crane* li jintuża jmur bl-istrippi, bil-ktajjen jew biċ-ċineg, idawwarhom mal-*bundle,* u l-

[31] *A fol.* 208 tal-proċess.
[32] *A fol.* 216 tal-proċess.

persuna tagħmillu sinjal li jista' jerfa' l-merkanzija. Meta jkun *safe,* jgħolli l-*bundle* u jniżżlu bil-plastik b'kollox. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, huwa kien li ċempel għall-ambulanza hekk kif sar jaf li kien weġġa' ħaddiem fuq vapur, u wara kien investiga u sar jaf li l-ħaddiem tax-Xatt li kien qiegħed jaħdem ħdejh, kien qiegħed fuq *bundle* tal-injam, u minħabba li l-injam ma kienx livellat, saqajh marret fil-vojt u baqa' nieżel għal isfel. Żied jgħid ukoll li l-kaptan tal-vapur fl-ebda waqt ma infurmahom li x-xogħol ma kienx kollu livell wieħed. Ix-xhud ikkonferma li sabiex ikompli jinħatt il-vapur wara l-inċident tal-attur, intrama *scaffolding* jew pjattaforma, sabiex il-merkanzija ma tibqax tinħatt bl-istess mod kif għall-ewwel beda jinħatt il-vapur. B'riferiment għaċ-*checklist* iffirmata minnu, ix-xhud qal li x-xogħol kien jidher viżwalment li kien stivat b'mod li kien livellat, bl-unika differenza tkun li f'dan il-każ il-plastik ma kienx trasparenti. B'riferiment għall-funzjoni tal-*foreman,* ix-xhud qal li l-*foremen* huma liċenzjati minn Transport Malta imma mhumiex impjegati tagħha, u huma *self-employed* u jaħdmu f'kooperattiva. Qal ukoll li l-*foremen* jitħallsu mill-konvenuta Valletta Gateway Terminals, u l-ħlas isir bit-tunnellata.

Fl-udjenza tas-7 ta' April, 2017 xehed **Joseph Zahra** prodott mill-konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited[33], li hu impjegat magħha bħala *development manager (operations).* Ir-rwol tax-xhud fl-operazzjoni li kienet qiegħda ssir fuq il-'Blankanese', kien li jagħmel kuntatt mal-aġenti u mal-*istakeholders* involuti. Qal li l-aġent f'dan il-każ kien ċertu 'J B Sarotto', u dan kien daħħal applikazzjoni biex ikun jista' jidħol il-vapur fit-28 ta' Ġunju, 2013, u oriġinarjament it-talba ma kinitx biex tinħatt il-merkanzija minn fuq il-vapur,

[33] *A fol.* 224 tal-proċess.

iżda biex dan ikun jista' jidħol fil-Port. Ix-xhud kompla jgħid li fil-fatt il-vapur daħal fit-28 ta' Ġunju, 2013, iżda kien biss wara li daħal li l-konvenuta Valletta Gateway Terminals ġiet infurmata minn Transport Malta li dan il-vapur kien ġie arrestat. Ix-xhud spjega li dan kien ifisser li dan il-vapur ma setax jiċċaqlaq, minkejja li kien qiegħed jokkupa post kruċjali fil-Port, dak ta' *commercial berth* li jkun meħtieġ għal vapuri oħrajn. Qal li meta ġie stabbilit li l-vapur kien arrestat, sar kuntatt mal-awtoritajiet u mal-aġenti minħabba li dan il-vapur ma setax jibqa' jokkupa post daqshekk importanti kummerċjalment, u eventwalment inbidel l-aġent minn J B Sarotto għal Gollcher. Ix-xhud spjega li meta l-affari bdiet titwal, bdiet issir pressjoni minħabba li l-*berth* fejn kien qiegħed il-vapur kienet meħtieġa għal xogħlijiet oħra, u wara li ġie stabbilit li l-merkanzija ta' fuq il-vapur ma kinitx arrestata, ittieħdet id-deċiżjoni li tinħatt il-merkanzija, u li l-vapur jorbot xi mkien ieħor. Ix-xhud qal li t-talba biex tinħatt il-merkanzija saret minn Olaf Gollcher & Sons Limited li kienu l-aġenti tal-vapur, u wara ġiet involuta Troy Ship Management minħabba li din il-kumpannija kienet l-aġent tal-merkanzija. Qal li d-deċiżjoni li tinħatt il-merkanzija u tintbagħat barra, filwaqt li l-vapur ma jibqax jokkupa post daqshekk kummerċjalment sensittiv fil-Port, kienet l-aħjar deċiżjoni fiċ-ċirkostanzi. Ix-xhud esebixxa kopja tal-komunikazzjoni li għaddiet bejn l-aġenti tal-vapur u l-aġenti tal-merkanzija, bil-*cargo manifest,* u l-i*storage plans* mingħand Troy li bdiet tipprepara l-pjanijiet sabiex ix-xogħol ikun jista' jinħatt u jiġi rilaxxat hawn Malta għal skopijiet ta' *transhipment.* Ix-xhud żied jgħid li Gollcher kienu bagħtu *email* uffiċjali sabiex jinfurmaw lil Valletta Gateway Terminals li Troy kien l-aġent tal-merkanzija. Ix-xhud speċifika wkoll li normalment il-merkanzija ma jkollhiex l-aġent tagħha, iżda f'dan il-każ, Gollcher kienu infurmaw lil Valletta Gateway Terminals li setgħu jieħdu

struzzjonijiet mingħand Troy għan-nom tas-sidien tal-merkanzija. In sostenn tax-xhieda tiegħu x-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti u skambju ta' komunikazzjonijiet bejn il-partijiet.[34]

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2017 sar il-kontroeżami tal-attur[35], li qal li hu għandu liċenzja maħruġa minn Transport Malta biex jaħdem bħala ħaddiem tax-Xatt, u fl-aħħar tax-xahar hu jirċievi salarju mingħand l-istess Transport Malta. Qal ukoll li hu qatt ma rċieva xi forma ta' ħlas mingħand il-konvenuta Valletta Gateway Terminals. Qal li filgħodu l-ħaddiema tax-Xatt jirrappurtaw għax-xogħol f'uffiċċju partikolari, u wara jiġu mgħajta biex jaħdmu skont skeda li tinħadem minn uffiċjal ta' Transport Malta. Ix-xhud qal li dakinhar tad-19 ta' Lulju, 2013, hu, Alex Ciantar u Redent Zammit, intalbu mir-*roster keeper* biex imorru abbord il-vapur Blankenese minħabba li dan kellu tagħbija injam li kellha tinħatt. Spjega kif meta hu u sħabu telgħu fuq il-vapur, inżammu għal xi siegħa milli jibdew ix-xogħol minħabba li l-vapur kien arrestat, u hekk kif ingħataw il-*clearance,* huma telgħu fuq il-vapur sabiex jibdew ix-xogħol. Ix-xhud qal li normalment meta l-merkanzija tkun miksija fil-plastik, dan il-plastik ikun trasparenti, u merkanzija tal-injam is-soltu tkun stivata fuq xulxin. L-attur qal ukoll li hu ma ħassx li kellu jiġbed l-attenzjoni tal-*foreman* fuq xi ħaġa, u ftit wara li beda x-xogħol u hekk kif kien qiegħed jiġi bbragat it-tielet *bundle,* inqala' l-inċident. L-attur ikkonferma li l-inċident inqala' minħabba li l-injam fil-*bundle* ma kienx tal-istess qies. L-attur ikkonferma wkoll li l-plastik ma setax jitneħħa mill-ħaddiema sabiex jaraw b'liema mod kienet stivata l-merkanzija, peress li din kienet qiegħda tinħatt biex tintbagħat xi mkien ieħor. L-attur ikkonferma wkoll li hu rċieva l-ħlas ta'

[34] *A fol.* 238 tal-proċess.
[35] *A fol.* 260 tal-proċess.

€9,000 minn skema assigurattiva għall-ħaddiema tax-Xatt, madwar €20,500 f'benefiċċji soċjali, u rċieva wkoll ħlas fl-ammont ta' madwar €900 jew €1,000 fix-xahar bħala *injured port worker,* liema ħlas hu sostanzjalment inqas mill-ħlas li kien idaħħal li kieku baqa' jidħol għax-xogħol b'mod regolari.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2017 sar il-kontroeżami tax-xhud **George Portelli**[36], li kkonferma li l-*foremen* tax-Xatt huma liċenzjati minn Transport Malta, u jaħdmu bħala *self-employed* tant hu hekk li l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali jitħallsu minnhom stess, bid-differenza mill-ħaddiema tax-Xatt li l-bolla tagħhom titħallas mill-prinċipal. Ix-xhud ikkonferma li l-*foremen* huma organizzati f'kooperattiva. Ix-xhud qal ukoll li f'dan il-każ kien evidenti li l-injam kien ġie mgħotti bil-plastik mill-fabbrika, u l-mod kif kien miksi kien tali li ma stajtx tara x'kien hemm ġewwa. Żied jgħid li l-vapur kellu jinħatt kollu hawn Malta, sabiex il-merkanzija terġa' titgħabba fuq żewġ vapuri oħra, u għalhekk ma kienx possibbli li jitqatta' l-plastik li l-injam kienet mgħottija bih. Dwar kif seħħ l-inċident, ix-xhud spjega li:

> "L-inċident bdejna naħdmu kif qed ngħidlek, once l-użata s-*signalman* jagħmel lil tal-*crane* biex jerfa', in-nies iridu jwarrbu. Mhux ħa nħallihom bix-xogħol imdendel għaddej minn taħt ix-xogħol. Lil George, għax jiena lanqas biss rajtu jaqa' għalkemm kont qiegħed fuq id-*deck,* kien moħħni fl-użata. George naħseb resaq fit-tarf u sab il-vojt, siequ daħlitlu fil-vojt tal-plastik. Daqshekk ix-xogħol. Nisma' xebgħa għajjat u nara lil George rasu 'l isfel. Kien hemm il-*manhole* u mnalla ma ġiex fuq il-*manhole* għax kien jibqa' fuq ix-xifer tal-*manhole."*

Ix-xhud ikkonferma wkoll li mhux daqstant normali li l-injam impurtat ma jkunx kollu tal-istess daqs, u l-injam impurtat għas-suq lokali normalment ikun kollu tal-istess daqs. Ix-xhud żied jgħid li l-manifest tal-merkanzija kien f'idejn

[36] *A fol.* 281 tal-proċess.

l-aġenti tal-vapur u kopja oħra kienet għand il-konvenuta Valletta Gateway Terminals.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2017 sar il-kontroeżami tal-kirurgu **Mr Ray Gatt**[37], li qal li l-ewwel darba li ra lill-attur kien f'Ġunju tal-2013, madwar xahar qabel seħħ l-inċident. Ix-xhud qal li hu seta' jikkonstata, mit-testijiet mediċi li saru fuq l-attur wara l-inċident, li l-attur kellu diġenerazzjoni li ssarrfet f'artrite f'diversi livelli tal-għonq, u din setgħet kienet riżultat tal-età jew ta' ċirkostanzi li ppreċedew d-data meta seħħ l-inċident. Qal ukoll li meta hu eżamina lill-attur, dan ippreżenta ruħu b'uġigħ fl-ispalla kif ukoll b'nuqqas fil-moviment. Qal li meta hu stabbilixxa li l-attur qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' 9%, huwa ħa konsiderazzjoni tal-fatt li jekk l-attur ma kien ser jagħmel xejn biex jikkura t-tiċrita fi spalltu, is-sitwazzjoni aktarx li kienet ser tiggrava.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Frar, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Carmelo Anastasi**[38], li għal darb'oħra kkonferma li Troy Ship Management Limited ma kinitx l-aġent tal-vapur, iżda intalbet tintervjeni sabiex tirrappreżenta l-merkanzija abbord. Dan ix-xhud qal li l-mandat li kellha l-kumpannija tiegħu kien fuq il-merkanzija, u għalhekk din kellha tinħatt u titgħabba fuq vapur ieħor, sabiex il-vapur li twasslet bih Malta jkun jista' jkompli bil-vjaġġ tiegħu. Żied jgħid li sussegwentement irriżulta li l-vapur kellu l-ħsara u għalhekk ma setax jitlaq minn Malta. B'riferiment għall-manifest li kien jakkumpanja l-merkanzija li kien hemm fuq il-vapur, ix-xhud qal li l-manifest ma kellux dettalji bħalma huma d-daqsijiet tal-planki, u lanqas ma kien hemm xi tip ta' indikazzjoni li l-

[37] *A fol.* 307 tal-proċess.
[38] *A fol.* 325A tal-proċess.

injam ma kienx kollu tal-istess daqs. Ix-xhud qal li la hu u lanqas il-kumpannija tiegħu ma kellhom xi forma ta' kontroll dwar il-mod kif tgħabba l-vapur, għalkemm żied jgħid li hu ilu jaħdem bħala importatur tal-injam u l-ħadid sa mill-1964 u kemm kien ilu f'dan ix-xogħol qatt ma ltaqa' ma' sitwazzjoni fejn l-injam jew il-materjal impurtat ma kienx kollu tal-istess dimensjonijiet. Ix-xhud qal li l-merkanzija damet f'Malta total ta' ħmistax jew għoxrin ġurnata, u żied jgħid li hu la mar jaraha tinħatt u lanqas titgħabba fuq il-vapuri l-oħra.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Redent Zammit**[39], li qal li l-ħaddiema tax-Xatt jiltaqgħu f'uffiċċju l-Marsa kull filgħodu, u wara jiġu assenjati x-xogħol mir-*roster keeper.* Ix-xhud ikkonferma li l-inċident li kien involut fih l-attur seħħ fil-bidu tal-operazzjoni, u meta huma telgħu abbord kienu ġew infurmati li l-merkanzija inkwistjoni kienet tikkonsisti f'injam. Ix-xhud qal li dak li mar ħażin fit-twettiq ta' din il-biċċa xogħol kien il-fatt li l-merkanzija kienet mgħottija bi plastik oħxon, u għalhekk ma stajtx tara fejn kont miexi. Ix-xhud ikkonferma li fil-ħin tal-inċident, il-ħaddiema kienu lebsin ilbies protettiv, u hu kien induna li l-attur kien waqa' meta ma rahx aktar ħdejh. Żied jgħid li hu u l-attur kienu diġà tkellmu bejniethom għax li l-injam deher li ma kienx stivat sew, imma qal l-inċident seħħ qabel ma laħaq ġie infurmat b'dan il-*foreman*. Ix-xhud ikkonferma wkoll li ladarba l-materjal impurtat kien issiġillat fil-plastik, dan ma setax jitqatta' jew jitneħħa. Ix-xhud qal li l-*foreman* li kien hemm fuq is-sit kien impjegat ta' Transport Malta, u bħala ħaddiema tax-Xatt, sabiex iwettqu dik l-operazzjoni huma kellhom x'jaqsmu biss mal-konvenuta Valletta Gateway Terminals u ma' Transport Malta. Ix-xhud qal li huma la jkollhom komunikazzjoni mal-kaptan u lanqas mal-aġent tal-vapur. Ix-xhud qal li

[39] *A fol.* 325H tal-proċess.

minkejja li hu u l-attur kienu kkonstataw li l-injam kien stivat b'mod irregolari, huma ddeċidew li jibdew jaħdmu xorta waħda sabiex ħadd ma jallega li huma ma ridux jaħdmu jew li kellhom xi ħsieb li jwaqqfu x-xogħol.

Fl-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Eric Cutajar**[40], li qal li l-unika merkanzija li kien hemm fuq il-vapur jidher li kienu l-*bundles* tal-injam, li kien ippakkjat f'materjal li mhux trasparenti. Ix-xhud qal ukoll li l-materjal wasal Malta bl-i*slings* miegħu, li għandhom l-iskop li l-materjal ikun jista' jinħatt u jitgħabba b'faċilità, billi kulma jkollu jsir huwa li jiddaħħal ganċ fis-*sling* mill-ħaddiem tax-Xatt. Ix-xhud ikkonferma wkoll li mill-mod kif kienu stivati s-serratizzi, ma kienx faċli li wieħed jikkonstata li l-injam kellu qisien differenti, jew li dan kien stivat b'mod irregolari. Ix-xhud qal ukoll:

> "Kieku sar bi ħsieb meta tpoġġew li dawn iridu jiġu mmaniġġjati, ma naħsibx li kienu jitpoġġew hekk. Kienu tpoġġew b'tali mod li tħalla spazju fejn tal-anqas il-ħaddiem ikun jista' jaħdem b'mod aktar sikur."

Ix-xhud żied jgħidli apparti l-kwistjoni tal-ispazju, kien hemm problema oħra minħabba li l-injam ma kienx maqtugħ b'mod uniformi, u għalhekk kellu qisien differenti. Ix-xhud ikkonferma wkoll li normalment l-injam jiġi ttrasportat billi jiġi stivat taħt il-gverta u mhux fuqha. Ix-xhud qal li qabel tibda l-operazzjoni tal-ħatt, issir spezzjoni min-naħa tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals, sabiex issir evalwazzjoni tar-riskji konnessi max-xogħol li jrid isir, u kkonferma wkoll li wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, kienet tpoġġiet pjattaforma sabiex l-operazzjoni ta' ħatt tkun tista' tiġi mmaniġġjata aħjar. Ix-xhud qal li minkejja li

[40] *A fol.* 327 tal-proċess.

saret spezzjoni mill-uffiċjali tal-Valletta Gateway Terminals fuq il-vapur, ma ġew identifikati l-ebda riskji konnessi ma' din l-operazzjoni.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' April, 2018 kompla jixhed **James Borg**[41], li qal li f'dan il-każ kien hemm żewġ firxiet ta' *bundles* stivati fuq il-gverta, u biex titneħħa l-ewwel firxa x-xogħol jibda minn fuq nett, u sabiex isir dan ma jistax isir użu minn pjattaforma. Qal ukoll li l-ħaddiem irid jimxi fuq dawn il-*bundles* biex ikun jista' jaħdem. Qal li l-attur kellu jqabbad il-ganċijiet mal-*bundles,* u biex jagħmel dan kellu bilfors jimxi fuq il-materjal, sabiex il-*crane* ikun jista' jerfa' l-materjal li kien hemm stivat. Ix-xhud qal li anki f'każijiet fejn titpoġġa pjattaforma biex ikun jista' jsir ix-xogħol, mhux prattiku li jsir użu minnha biex titla' fuq il-materjal u tqabbad il-ganċ. Kompla jispjega kif minkejja li wara l-inċident kienet saret proposta biex il-ħaddiema tax-Xatt jibda jkollhom pjattaforma biex ikun jista' jsir ix-xogħol minn fuqha, ħafna ħaddiema lmentaw għax ħassew li t-tqegħid ta' pjattaforma mhux l-aktar mod sigur biex isir ix-xogħol. Ix-xhud kompla jispjega li d-deċiżjoni dwar kif għandu jinħatt il-materjal, u x'sistemi u x'tagħmir għandu jintuża għal din l-operazzjoni, issir mill-*foreman* ta' Transport Malta. Minkejja li kien hemm xhieda li qalu li wara li seħħ l-inċident, kien intrama s*caffolding,* ix-xhud qal li hu ma rax *scaffolding* abbord għax fi kliemu ħadd ma ried jużah.

Fl-istess udjenza reġa' xehed **George Portelli**[42], li qal li hu kien preżenti qabel ma bdiet tinħatt il-merkanzija, u kien preżenti wkoll meta seħħ l-inċident. Ix-xhud għamel riferiment għar-ritratt esebit *a fol.* 44 tal-proċess, u qal li dan kien jindika l-vapur kif kien stivat qabel ma seħħ l-inċident li kien involut fih l-

[41] *A fol.* 358 tal-proċess.
[42] *A fol.* 372 tal-proċess.

attur. Ix-xhud qal li hu qatt ma jippermetti li fuq il-*bundles* tintrama xi tip ta' pjattaforma, minħabba fil-periklu li din tista' tikkawża għall-ħaddiem. Fi kliem ix-xhud:

> "Dawk huma *pro sling,* ix-xogħol kien kollu *pro sling.* Kull ma riedu jagħmlu l-ħaddiema tax-Xatt minn fuq il-*bundle,* għax l-għajn dejjem fuq tkun, minn fuq il-*bundle* jaqbdu l-għajjun tal-braga u jdaħħluhom fil-ganċ. Is-sinjur meta mar iqabbad in-naħa ta' wara sab il-vojt taħt il-plastik li aħna ħadd ma kien jaf bih. Ħadd ma qalilna xejn u ħadd ma nduna u hawn sar l-*accident,* jiġifieri lanqas biss kien hemm għalfejn l-*iscaffolding* fil-ġenb għax ir-ritratt qed jurik fejn huma, il-braga, is-*sling ..."*

Ix-xhud wera permezz ta' ritratt esebit[43], it-tip ta' armar li jitpoġġa sabiex is-*signal man* ikun jista' joqgħod fih sabiex jagħti s-sinjali lill-persuna li tkun qiegħda topera l-*crane.* Spjega li pjattaforma armata fuq il-vapur ma toffrix aktar sigurtà, anki minħabba li kull moviment li jsir fil-Port, imqar lanċa żgħira, tista' tikkawża moviment fil-vapur jew bastiment. Ix-xhud ikkonferma li l-uniku *scaffolding* li jiġi armat, jintrama sabiex jintuża mis-*signal man* u mhux biex minn fuqu tinħatt il-merkanzija. Ix-xhud qal li wara li seħħ l-inċident kien sar suġġeriment sabiex il-kumplament tal-firxa tinħatt bl-użu ta' *platform,* imma anki kieku ntramat din il-pjattaforma, l-użu tagħha kien ser ikun wieħed limitat.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Ġunju, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Eric Cutajar**[44], fejn ġie mistoqsi dwar is-suġġeriment li kien sar minnu li x-xogħol isir minn fuq pjattaforma. Ix-xhud qal li hu kien qiegħed jirreferi għal kull tip ta' pjattaforma li tista' tagħmel il-ħajja tal-ħaddiem aktar sigura biex ikun jista' jagħmel ix-xogħol li jkun għaddej taħtu. Żied jgħid li s-suġġeriment tiegħu li titpoġġa

[43] *A fol.* 393 tal-proċess

[44] *A fol.* 402 tal-proċess.

pjattaforma ma kienx għall-operazzjoni kollha ta' ħatt li kellu jsir minn fuq il-vapur, iżda għall-*bundles* li kellhom jinħattu minn fejn kien hemm il-periklu. Ix-xhud qal li kieku ntużat pjattaforma, ix-xogħol minflok jibda jinħatt minn fuq seta' jibda jinħatt mill-ġenb, minħabba li x-xogħol kien maħruġ 'il barra mill-*hatch cover,* u għalhekk l-inċident kien jiġi evitat, minħabba li mill-ġnub m'hemmx daqstant għoli. Ix-xhud qal li minkejja s-suġġeriment tiegħu, hu ma ġiex infurmat jekk il-pjattaforma ntużatx jew le, u qal li kieku x-xogħol beda jinħatt mill-ġenb, kien jitnaqqas il-periklu.

Waqt l-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Redent Zammit**[45], li qal li fuq il-gverta kien hemm żewġ livelli ta' *bundles,* u l-proċedura tal-ħatt bdiet min-naħa tal-poppa, mill-parti ta' wara tal-vapur. Qal li l-*foreman* li jkun fuq il-vapur jibda jagħti d-direzzjonijiet sabiex kemm jista' jkun jiġi assigurat li ħadd ma jweġġa'. Żied jgħid li sal-ħin meta weġġa' l-attur, il-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-vapur laħqu ħattew għadd ta' *bundles.* Dwar l-inċident tal-attur, ix-xhud qal li hu kien ikkonkluda li dan kien waqa' għax f'ħin minnhom ma baqax jarah aktar. Dan ix-xhud qal li hu qatt ma uża pjattaforma fix-xogħol tiegħu, u din tintuża biss mis-*signalman* sabiex ikun jista' jagħmel sinjali lill-operatur tal-*crane.* Qal li dakinhar tal-inċident, ix-xogħol ma tkompliex minn fuq pjattaforma għax il-ħaddiema kienu rrifjutaw li jaħdmu b'dak il-mod, billi pjattaforma bir-roti ma tantx toffri stabbilità. Ix-xhud qal li anki li kieku ntużat pjattaforma fil-parti tal-vapur fejn kellu l-inċident l-attur, ir-riskju xorta waħda kien li l-attur jaqa' b'kollox minn fuq il-pjattaforma.

[45] *A fol.* 420 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Ottubru, 2018 xehdet **Diane Desira,** in rappreżentanza ta' Jobs Plus[46], li qalet li l-attur ma jirriżultax li qatt kien irreġistrat bħala impjegat mal-Valletta Gateway Terminals Limited.[47]

Fl-istess udjenza xehed **Lawrence Bugeja,** in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei li ppreżenta kopja tal-*file* mediku tal-attur.[48]

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Emy Cassar**[49], li qal li hu jaħdem bħala *foreman* tal-ħaddiema tax-Xatt, u jaqa' taħt il-kooperattiva tal-*foremen* tal-ħaddiema tax-Xatt. Qal ukoll li huwa jitħallas mill-istess kooperattiva. Spjega li x-xogħol ta' *foreman* jinvolvi l-organizzazzjoni tal-vapur fis-sens li jiġi assigurat li jkun hemm l-għodda meħtieġa sabiex issir l-operazzjoni tal-ħatt, jiġi assigurat li jkun hemm biżżejjed ħaddiema fuq il-post, kif ukoll jiġi assigurat li x-xogħol jinżel mingħajr inkwiet u kemm jista' jkun malajr. Qal li l-*foremen* suppost jingħataw manifest, iżda qal li dan mhux dejjem jingħata, u spjega li meta x-xogħol ikun taħt il-gverta, huma jitolbu liċ-*chief officer* jiftħilhom, sabiex jaraw xi jkun hemm u x'għodda trid tiġi adattata u x'hemm bżonn isir fuq il-post. Kompla jgħid li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, hu kien mar fuq il-post u kien ra li l-gverta kienet mimlija merkanzija, u din kienet kollha miksija bil-plastik. Qal li f'dan il-każ l-operazzjoni kellha ssir permezz ta' *cranes* minn fuq l-art minħabba li l-vapur ma kellux il-*cranes* tiegħu. Spjega li dakinhar hu u l-*foreman* l-ieħor waslu fuq il-post qabel il-ħaddiema tax-Xatt, anki sabiex xħin jaslu l-ħaddiema ma jinħeliex ħin. Qal li biex ħaddiem iqabbad il-ganċ mal-*bundle* irid bilfors jitla' fuq il-*bundle*. Qal ukoll li fis-snin kollha li kien ilu

[46] *A fol.* 437A tal-proċess.
[47] Kopja tal-*job history* tal-attur hija esebita *a fol.* 438 tal-proċess.
[48] *A fol.* 439 *et seq.* tal-proċess.
[49] *A fol.* 504 tal-proċess.

jaħdem ix-Xatt, hu qatt ma kien ra *wrapping* li ma kienx trasparenti, bħalma kien f'dan il-każ. Mitlub jispjega fid-dettall x'jiġi waqt operazzjoni ta' ħatt ta' vapur, ix-xhud spjega li waqt li l-*bundle* jintrefa' mill-*crane,* il-ħaddiem tax-Xatt imur fid-direzzjoni opposta tal-*crane* sabiex il-*bundle* ma jgħaddix minn fuqu. Dan ix-xhud qal li hu ma kienx preżenti fil-ħin tal-inċident. Ix-xhud ġie mistoqsi jekk f'dan il-każ ma kienx hemm *signal man,* u min-naħa tiegħu dan wieġeb li ladarba l-*crane* kellu l-viżwal tax-xogħol, ma kienx hemm bżonn *signal man.* Qal li bħala *foreman* huwa għandu r-responsabbilità tal-merkanzija, u ladarba din kienet mgħottija meta ġiet biex titgħabba fuq vapur ieħor, huwa ma setax iqatta' l-plastik sabiex jara x'kien hemm taħt u kif il-merkanzija kienet stivata. Ix-xhud qal li meta huwa mar fuq il-post aktar kmieni dakinhar meta seħħ l-inċident, fil-fehma tiegħu l-post kien sigur biex isir ix-xogħol fuqu.

Fl-istess udjenza xehed **Matthew Ellul Sullivan**[50], in rappreżentanza tal-kumpannija J B Sarotto Limited, li qal li l-kumpannija rappreżentata minnu kienet aġent tal-vapur Blankanese sas-17 ta' Lulju, 2013 u wara dik id-data kienet intalbet biex ma tibqax taġixxi bħala aġent ta' dan il-vapur. Ix-xhud qal li l-vapur kien wasal Malta fit-28 ta' Ġunju, 2013. Ix-xhud qal li l-vapur ma telaqx minn Malta għax kellu xi ħsara fil-magni, għalkemm qal li seta' kien hemm mandat ta' arrest fuqu. Qal li dakinhar li l-vapur wasal Malta, huma bħala aġenti tal-vapur, ma ntalbux iħottu xi merkanzija minn fuqu, u meta l-vapur wasal Malta, il-kaptan m'għaddiex kopja tal-manifest lill-aġent. Ix-xhud qal li wara t-18 ta' Lulju, 2013, l-aġenti l-ġodda tal-vapur kienu l-kumpannija Gollcher, u dakinhar li seħħ l-inċident, huma ma kien għad fadlilhom l-ebda konnessjoni mal-vapur.

[50] *A fol.* 526 tal-proċess.

Permezz ta' nota tat-8 ta' Jannar, 2019, ġie esebit l-*affidavit* ta' **Dr Robert Vassallo**[51], li qal li hu jokkupa l-kariga ta' *Senior Manager, Legal, EU and International Affairs* fi ħdan id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting* tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Ix-xhud spjega li fost il-funzjonijiet tal-Awtorità, din għandha ir-rwol li tipprovdi ħaddiema għax-xogħol fil-Port, u qal li l-ħaddiema tax-Xatt huma regolati b'ordinanza speċifika, il-Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta. Ix-xhud qal li l-ħaddiema tax-Xatt ma jitqisux li huma ħaddiema tal-Awtorità, u l-obbligu tal-ħlas tad-drittijiet tagħhom mhux tal-Awtorità, iżda tal-prinċipal li jitlob is-servizzi tal-ħaddiema tax-Xatt. Qal li l-Awtorità hi meqjusa bħala *employer* fil-kuntest biss tal-ħlas ta' bolol, u fis-sens amministrattiv minħabba li żżomm ir-*records* tal-ħaddiema u l-attendenza tagħhom. Il-pagamenti dovuti lill-ħaddiema, l-Awtorità tiġborhom skont rati prestabbiliti, u tieħu ħsieb li dawn jitqassmu skont kif dovuta. Mill-flejjes miġbura, l-Awtorità tagħmel il-ħlasijiet dovuti lill-ħaddiema tal-Port, filwaqt li l-kumplament tal-flus jitqiegħdu f'*pension and contingency fund* li minnu jsiru ħlasijiet ta' pensjonijiet jew gratifikazzjonijiet oħra u benefiċċji lill-ħaddiema tal-Port. Ix-xhud qal li apparti r-rwol li tara li jiġu assenjati l-ħaddiema tal-Port, u li tiġbor il-ħlasijiet dovuta lilhom, l-Awtorità m'għandha l-ebda rwol ieħor x'taqdi u mhijiex involuta fl-operazzjonijiet imwettqa mill-ħaddiema tal-Port. Ix-xhud qal li l-operazzjonijiet fix-Xatt jitwettqu taħt id-direzzjoni ta' *foreman* li wkoll huwa *self-employed.* Ix-xhud qal li l-inċident seħħ f'Laboratory Wharf, Kordin, li huwa moll operat mill-Valletta Gateway Terminals Limited, skont *concession agreement* bejn l-istess soċjetà u l-Awtorità. Ix-xhud qal li r-responsabbilità tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-mollijiet mhix tal-Awtorità iżda ta' min għandu t-tmexxija u l-kontroll ġenerali ta' baċir, xatt jew moll, jew inkella

[51] *A fol.* 538 tal-proċess.

tal-kaptan jew tal-uffiċjal inkarigat mill-vapur. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li fil-ħin li fih seħħ l-inċident, ħadd mill-ħaddiema jew uffiċjali tal-Awtorità ma kien preżenti fuq il-moll.

Permezz ta' nota tal-31 ta' Jannar, 2019, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, ippreżentat faxxikolu li juri liema kienu l-istanzi meta l-bastiment MV Blankanese żar Malta u min kienu l-aġenti tiegħu kull darba[52], kif ukoll dikjarazzjoni rigward tibdil fl-aġent waqt li l-bastiment kien fl-ibħra Maltin.

Permezz ta' nota tal-31 ta' Jannar, 2019[53], is-soċjetà konvenuta Troy Ship Management ippreżentat l-*affidavit* ta' **Carmel Anastasi** fejn qal li f'Lulju tas-sena 2013, kien sar kuntatt mal-kumpannija rappreżentata minnu minn ċertu Simon Zafet, li qal li huwa wieħed mis-sidien tal-merkanzija li kienet abbord il-bastiment 'Blankanese' li kien waqaf Malta, u li fuqu kien hemm mandat tal-Qorti li kien qiegħed jimpedih milli jitlaq minn Malta. Ix-xhud qal li Zafet kien infurmah li l-merkanzija kellha tinħatt minn fuq il-Blankanese sabiex titgħabba fuq vapur ieħor, u għalhekk kien talab lil Troy Ship Management tgħaddi d-dokumentazzjoni flimkien mal-pagament meħtieġ sabiex isir it-trasbord tal-merkanzija inkwistjoni. Ix-xhud qal li bħala kumpannija huma kienu ġew infurmati li d-dokumentazzjoni kellha tingħata minn 'Fenech & Fenech Advocates' li kienet involuta fil-proċeduri legali li kien hemm dwar il-bastiment.[54] Ix-xhud qal li meta hu rċieva d-dokumenti u l-pagament relattiv, hu għaddihom lill-konvenuta Valletta Gateway Terminals. Ix-xhud qal li l-kumpannija rappreżentata minnu fl-ebda waqt ma kienet aġenta tal-bastiment inkwistjoni.

[52] *A fol.* 545 tal-proċess.
[53] *A fol.* 556 tal-proċess.
[54] *A fol.* 557 *et seq.* tal-proċess.

Il-kontroeżami ta' **Dr Robert Vassallo** sar waqt l-udjenza tat-22 ta' Frar, 2019[55], li qal li b'effett minn nofsillejl tas-17 ta' Lulju 2013, l-aġent il-ġdid tal-bastiment MV Blankanese kien Olaf Gollcher and Sons Limited, u żied jgħid li skont il-liġi l-ebda bastiment ma jista' jkun fil-Port mingħajr aġent. Qal ukoll li kull tibdil fl-aġenzija irid jiġi mgħarraf u jiġi aċċettat minn Transport Malta. Ix-xhud ikkonferma li Olaf Gollcher and Sons Limited baqgħu aġenti tal-bastiment sakemm dan telaq minn Malta.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2019 xehed l-attur, **George Borg**[56], li esebixxa kopja taċ-*cheque* fl-ammont ta' €9,000 li huwa kien irċieva mill-*pension contingency fund* wara li seħħ l-inċident. L-attur esebixxa wkoll dokumentazzjoni b'informazzjoni dwar kemm kien id-dħul tiegħu bħala *injured port worker,* u żied jgħid li t-total li hu tħallas mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jammonta għal €20,540.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

F'kawżi ta' din ix-xorta fejn il-Qorti hi ffaċċjata b'talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità tal-konvenuti jew min minnhom, kif ukoll talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-attur, trid issir analiżi tal-provi miġjuba, sabiex jiġi stabbilit fl-ewwel lok jekk il-konvenuti għandhomx jinżammu responsabbli għall-inċident inkwistjoni, u jekk huwiex il-każ li wħud mill-konvenuti m'għandhom ebda responsabbilità għall-akkadut li jridu jwieġbu għaliha. Fil-kawża odjerna il-konvenuti kollha ressqu l-eċċezzjoni li huma mhumiex leġittimi kontradittturi, u għaldaqstant jeħtieġ li l-Qorti

[55] *A fol.* 570 tal-proċess.
[56] *A fol.* 574 tal-proċess.

tistħarreġ b'reqqa x'kienet ir-relazzjoni bejn l-attur u kull wieħed mill-konvenuti, kif ukoll jekk inhuwa l-każ, x'responsabbiltajiet kellhom jinġarru minn kull wieħed minnhom fir-relazzjoni tagħhom mal-attur.

Mill-provi jirriżulta li l-inċident li kien involut fih l-attur seħħ waqt li dan kien qiegħed jagħmel ix-xogħol tiegħu bħala ħaddiem tax-Xatt, abbord il-vapur bl-isem ta' 'M V Blankenese', li meta wasal Malta kien suġġett għal mandat ta' arrest. Għalhekk kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-merkanzija li kien hemm fuq dan il-vapur kellha tinħatt u titgħabba fuq żewġ vapuri oħra, sabiex din titwassal fid-destinazzjoni tagħha, filwaqt li l-vapur 'MV Blankenese', li fuqu seħħ l-inċident, inżamm hawn Malta. Mill-provi rriżulta li minkejja li l-konvenuta Troy Ship Management fl-ebda waqt ma kienet l-aġent tal-vapur, din il-kumpannija kienet intalbet taġixxi bħala aġent tal-merkanzija, fis-sens li ġiet inkarigata mis-sidien tal-istess merkanzija tagħti struzzjonijiet dwar x'kellu jsir mill-merkanzija li kienet fuq il-vapur. Qabel bdiet l-operazzjoni tal-ħatt, kif jiġri dejjem, abbord il-vapur telgħu uffiċjal tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals u l-*foreman* liċenzjat minn Transport Malta, sabiex flimkien mal-kaptan tal-vapur, dawn ifasslu pjan dwar kif kellha tinħatt il-merkanzija, li kienet tikkonsisti f'serratizzi tal-injam. B'differenza minn drabi oħra, din il-konsenja kienet imgħottija bi plastik oħxon mhux trasparenti, u għalhekk minkejja li minn dak li kien jidher fit-truf, kien evidenti li l-merkanzija kienet tikkonsisti f'serratizzi tal-injam, imma minn dak li kien jidher minn barra, ma setax jiġi stabbilit jekk l-injam kienx stivat b'mod regolari jew le. Mill-ispezzjoni li saret għall-finijiet tas-sigurtà tal-ħaddiema li kellhom jaħdmu abbord, irriżulta li ma kien hemm xejn irregolari fil-mod kif il-merkanzija kienet stivata fuq il-vapur, u għalhekk il-ħaddiema tax-Xatt intalbu jitilgħu fuq il-vapur u jibdew l-operazzjoni tal-ħatt mill-*foreman* u mill-uffiċjal tal-

konvenuta Valletta Gateway Terminals. Il-Qorti semgħet kif minkejja li l-ħaddiema kollha kienu lebsin ilbies u tagħmir protettiv ipprovdut lilhom mill-uffiċjali tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals, waqt li l-attur kien għaddej minn fuq wieħed mill-*bundles* li kellu jinħatt ħatt, siequ sabet spazju vojt li kien mgħotti bil-plastik, bir-riżultat li l-plastik infaqa', u l-attur baqa' nieżel għal isfel, f'għoli ta' madwar żewġ metri. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra ksur u debilità permanenti li wasslet biex hu qatt aktar ma rritorna lura għax-xogħol, tant hu hekk li sal-ġurnata meta l-attur irtira, fis-26 ta' Novembru, 2016, dan kien għadu mhux f'kundizzjoni li jirritorna lura għax-xogħol, biex b'hekk effettivament, l-aħħar ġurnata li ħadem fiha l-attur kienet dakinhar tal-inċident li seħħ fid-19 ta' Lulju, 2013.

Ir-rapport li sar mir-rappreżentanti tal-ħaddiema tax-Xatt dwar is-saħħa u s-sigurtà, li xehdu wkoll fil-kawża, elenka diversi nuqqasijiet illi li kieku ġew indirizzati qabel beda l-ħatt, l-inċident inkwistjoni seta' jiġi evitat. Il-Qorti setgħet tapprezza kif diversi xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom f'din il-kawża, stqarrew kif l-vapur ikun "kaxxa magħluqa" sakemm jibda jinħatt, u kif din l-operazzjoni ta' ħatt ġiet reża aktar diffiċli minn operazzjonijiet oħrajn minħabba li l-merkanzija kienet miksija bi plastik oħxon abjad li ma kien jidher xejn minnu, kif ukoll għax kuntrarjament għal dak li jseħħ meta jiġi impurtat l-injam intiż għas-suq lokali, li jkun kollu tal-istess daqs, f'dan il-każ l-injam impurtat kien kollu ta' tulijiet u daqsijiet differenti, b'mod li kien hemm periklu akbar għall-burdnara li kellhom iħottuh.

Kienu diversi x-xhieda f'dawn il-proċeduri li xehdu dwar ir-responsabbiltajiet varji tad-diversi entitajiet u uffiċjali li jipprestaw servizzi lill-vapuri tal-merkanzija li jidħlu f'Malta. Eric Cutajar, l-uffiċjal li ħejja r-rapport dwar in-

nuqqasijiet fir-rigward tal-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà li seta' jinnota wara li seħħ l-inċident, qal li hija r-responsabbilità tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals u tal-*foreman* illiċenzjat mill-Awtorità konvenuta li jassiguraw li l-ħaddiema jkollhom ilbies protettiv, u li qabel jibda x-xogħol jitfassal pjan sabiex ix-xogħol isir bl-aktar mod sigur possibbli. Dwar dan xehed ukoll George Ciantar, li qal li huma l-*foremen* u l-uffiċjali tal-Valletta Gateway Terminals li jridu jistabbilixxu x'apparat u ħaddiema huma meħtieġa biex jagħmlu x-xogħol, kif ukoll biex jaraw li l-merkanzija tkun stivata b'mod tajjeb qabel tibda l-operazzjoni ta' ħatt. Dwar ir-rwoli differenti li għandhom Valletta Gateway Terminals Limited u l-Awtorità konvenuta fix-xogħol li jsir fix-Xatt, xehed ukoll George Portelli, il-*foreman* inkarigat mill-operazzjoni inkwistjoni, li qal li f'dan il-każ partikolari huwa kellu jipprovdi l-għodda, jikkoordina x-xogħol u jara li x-xogħol miexi kif suppost. Xhud ieħor Geoffrey Busuttil, spjega lill-Qorti li l-ħaddiema tax-Xatt, minkejja li mhumiex impjegati ta' Transport Malta, imorru jaħdmu fuq talba u skont *roster* li jitħejja minn uffiċjali tal-istess Awtorità. Dan ix-xhud qal li l-Awtorità għandha l-funzjoni li tamministra diversi aspetti tax-xogħol tal-ħaddiema tax-Xatt, fosthom li tara li jinġabru l-flus u t-tariffi dovuta lilhom, li talloka l-flus miġbura għall-ħaddiema tax-Xatt, li parti minnhom jintużaw għall-ħlas tas-salarji u parti minnhom imorru f'fond għall-pensjonijiet u l-kontinġenzi, u li tirregola wkoll l-attendenza tal-istess ħaddiema. L-Awtorità konvenuta tieħu ħsieb ukoll tagħmel il-ħlasiijet tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali bħala prinċipal tal-ħaddiema tax-Xatt.

Mill-provi rriżulta li l-moll li miegħu kien sorġut il-bastiment li seħħ l-inċident fuqu, Laboratory Wharf, ġewwa Kordin, huwa moll ikkontrollat mill-konvenuta Valletta Gateway Terminals, li ngħatat konċessjoni mill-Awtorità konvenuta

sabiex tibda topera dan il-moll hi. Id-*Dock Safety Regulations* (L.S. 429.03) jistabbilixxu li r-responsabbilità tas-saħħa u s-sigurtà fil-kuntest ta' port hija ta' min għandu t-tmexxija u l-kontroll ġenerali tal-baċir, xatt jew moll, għalkemm jirriżulta wkoll, li l-inċident inkwistjoni seħħ abbord bastiment, fejn waħda mill-aktar funzjonijiet kruċjali li jwettqu l-uffiċjali tagħha hija li jitilgħu abbord il-bastiment, u flimkien mal-*foreman* u mal-kaptan tal-vapur jagħmlu spezzjoni tal-merkanzija li tkun trid tinħatt, kif ukoll ifasslu pjan dwar l-aktar mod sigur kif din għandha tinħatt, kemm sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, kif ukoll sabiex ma tiġix affettwata l-istabbilità tal-vapur. Jirriżulta wkoll li waħda mill-aktar funzjonijiet importanti li għandhom l-uffiċjali tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals, flimkien mal-*foremen* tal-Awtorità konvenuta, hija li jagħmlu analiżi tas-sitwazzjoni fuq il-vapur, jaraw x'għodod u l-ammont ta' ħaddiema meħtieġa biex iwettqu xi operazzjoni partikolari, kif ukoll ikunu huma li jagħtu struzzjonijiet lill-ħaddiema tax-Xatt biex jitilgħu abbord u jibdew il-ħatt. Il-Qorti semgħet diversi xhieda jgħidu li minkejja li saret din l-ispezzjoni, l-uffiċjal tal-Valletta Gateway Terminals u l-*foreman* li telgħu abbord ma ltaqgħu ma' l-ebda problema, tant hu hekk li awtorizzaw lill-ħaddiema tax-Xatt jibdew ix-xogħol mingħajr ma talbuhom jieħdu xi prekawzjonijiet partikolari jew sabiex joqogħdu attenti għal xi periklu li seta' kien evidenti. Minkejja dan, kemm l-attur kif ukoll Redent Zammit li kien fuq il-lant tax-xogħol miegħu, it-tnejn xehdu li hekk kif bdew jaħdmu rrealizzaw li l-merkanzija fuq il-vapur ma kinitx stivata b'mod regolari, partikolarment minħabba li din kienet mgħottija bi plastik oħxon li ma kien jidher xejn minnu, u minkejja li ħassew il-ħtieġa li jiġbdu l-attenzjoni tal-*foreman* dwar dan, xorta waħda ddeċidew li jibdew ix-xogħol, sabiex ma jkunx hemm min jgħid li huma żammew ix-xogħol lura. Il-Qorti mill-provi miġjuba

quddiemha setgħet tapprezza li kien kważi impossibbli għall-uffiċjal tal-Valletta Gateway Terminals u għall-*foreman* li tela' abbord, li jipprevedu l-periklu jew li jistabbilixxu li kien hemm spazji vojta bejn il-*bundles* tas-serratizzi tal-injam. Madanakollu nuqqas evidenti kien il-fatt li ħadd minn dawn l-uffiċjali ma talab il-permess tal-kaptan biex jikxef il-*bundles* u jara x'kien hemm fihom u dan sabiex jiġi evitat il-periklu għall-burdnara. Il-Qorti mhijiex qegħda tippretendi li l-uffiċjali tal-Valletta Gateway Terminals jew il-*foreman* kellhom iqattgħu l-plastik kollu li l-injam kien mgħotti bih. Iżda ċertament fejn inħolqot sitwazzjoni, bix-xhieda kollha li taw id-depożizzjoni tagħhom fil-kawża jgħidu li l-merkanziija kienet differenti minn dik li s-soltu kienu mdorrijin biha, kemm għaliex mhux soltu li l-merkanzija tkun mgħottija bi plastik li mhux trasparenti, kif ukoll għaliex l-injam impurtat għas-suq lokali jkun kollu tal-istess daqs u mhux ta' qisien varji, kellhom isiru aċċertamenti aktar profondi sabiex jiġi assigurat li m'hemm l-ebda periklu qabel jibda x-xogħol, u li l-ħaddiema qegħdin jaħdmu b'sistema sigura tax-xogħol. Minn dan kollu jidher li ma sar xejn, u meta l-attur rifes fuq *bundle* minnhom, kif kellu jagħmel sabiex ikun jista' jqabbdu mal-ganċ tal-*crane,* flok sab injam solidu taħtu, sab il-vojt, bir-riżultat li l-plastik infaqa' bih u l-attur baqa' nieżel għal isfel. Kien biss wara dan l-inċident li saret rakkomandazzjoni mill-uffiċjali tal-Valletta Gateway Terminals Limited li l-operazzjoni ta' ħatt issir minn fuq pjattaforma, għalkemm kienu diversi x-xhieda li waqt id-depożizzjoni tagħhom urew xettiċiżmu dwar kemm l-użu ta' pjattaforma kien mezz aktar sigur kif seta' jsir ix-xogħol, u l-ħaddiema ntalbu joqogħdu attenti mill-*foreman* li kien fuq il-post.

Il-Qorti tqis illi mill-provi jirriżulta li minkejja li l-attur ma kienx impjegat tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals, din il-kumpannija għandha diversi obbligi fil-konfront tal-ħaddiema tax-Xatt, kemm waqt li dawn ikunu qegħdin jaħdmu fuq il-mollijiet ikkontrollati minnha, kif ukoll waqt li jkunu qegħdin isiru operazzjonijiet ta' ħatt abbord, minħabba li hija din il-kumpannija li trid tassigura li l-post li dawn il-ħaddiema jintalbu jaħdmu fih ikun wieħed sigur u li l-ħaddiema jkollhom l-attrezzaturi meħtieġa sabiex jiġi evitat il-periklu.

L-Awtorità konvenuta ressqet wkoll l-eċċezzjoni li hija mhijiex leġittima kontradittriċi u konsegwentement eċċepiet li hija m'għandha l-ebda responsabbilità xi ġġorr għall-inċident inkwistjoni, anki fid-dawl tal-fatt li l-inċident seħħ abbord bastiment li kien marbut ma' moll li jaqa' taħt ir-responsabbilità tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals. Intqal ukoll li l-ħaddiema tax-Xatt ma jistgħux jitqiesu li huma ħaddiema tal-Awtorità konvenuta, u li r-rwol tal-Awtorità fil-konfront tal-ħaddiema tax-Xatt huwa aktar ta' regolatur u amministratur milli ta' *employer.* Mill-provi miġjuba quddiem il-Qorti, jirriżulta però li l-konvenuta Transport Malta hija l-awtorità fdata bir-responsabbilità li tipprovdi l-ħaddiema meħtieġa biex jagħmlu x-xogħol fil-portijiet, u li tieħu ħsieb tassenja l-ħaddiema skont il-ħtieġa permezz ta' *roster* stabbilit mill-uffiċjali tagħha. Din l-awtorità għandha wkoll ir-rwol ta' amministratur tal-ħaddiema tal-Port, u fost il-funzjonijiet li taqdi, tassigura li l-ħlasijiet u t-tariffi dovuta lil dawn il-ħaddiema jinġabru, tamministra dawn il-ħlasijiet billi tieħu ħsieb talloka perċentwal mill-flus miġbura għas-salarji tal-ħaddiema tax-Xatt u perċentwal li jmur f'fond għall-pensjonijiet u għall-assikurazzjoni tal-ħaddiema, kif ukoll tieħu ħsieb li tagħmel il-ħlasijiet tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali bħala 'l-prinċipal' tal-ħaddiema tax-Xatt. L-Awtorità konvenuta għandha wkoll ir-rwol li tieħu ħsieb ir-*records* tal-

ħaddiema tax-Xatt u tal-attendenza tagħhom. Kull ħaddiem tax-Xatt jista' jaħdem biss bis-saħħa ta' liċenzja li tinħariġlu mill-Awtorità konvenuta. Għandu jiġi kkonsidrat ukoll il-fatt li qabel kull operazzjoni ta' ħatt li ssir, huwa l-*foreman* liċenzjat u mibgħut mill-Awtorità konvenuta li jitla' abbord il-bastiment u jara jekk hemmx perikli għall-burdnara li jridu jaħdmu, li jara kemm huwa n-numru tal-ħaddiema meħtieġa għall-operazzjoni partikolari, u li jassigura li dawn għandhom it-tagħmir protettiv u l-apparat kollu meħtieġ biex ikunu jistgħu jaħdmu. Dan apparti li *Manager* tal-uffiċċju tal-*Port Workers* huwa impjegat ta' Transport Malta u jopera minn ġol-bini ta' Transport Malta fil-Marsa. Il-Qorti diġà stabbiliet li kien hemm diversi nuqqasijiet fl-evalwazzjoni li kienet saret qabel l-inċident dwar il-miżuri li kellhom jittieħdu għall-protezzjoni u għas-sigurtà tal-burdnara waqt it-twettiq tal-operazzjoni ta' ħatt minn fuq l-'M V Blankenese', liema funzjonijiet jaqgħu fil-mansjonijiet u r-responsabbilitajiet tal-Awtorità konvenuta bħala amministratriċi u regolatur tal-ħaddiema tax-Xatt. Ir-responsabbilitajiet tal-Awtorità konvenuta fir-rigward tal-ħaddiema tax-Xatt huma bosta u varji, ewlenin fosthom li għall-finijiet ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, din hija meqjusa bħala 'l-prinċipal'. Għall-imsemmija nuqqasijiet, il-Qorti tqis li għandha twieġeb ukoll l-Awtorità konvenuta qua 'manager' tal-uffiċċju, ossija amministratur, tal-ħaddiema tax-Xatt.

Jifdal għalhekk li jiġi stabbilit jekk il-konvenuta Troy Ship Management Limited għandhiex titqies bħala leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri. Mill-provi miġjuba quddiem il-Qorti, jirriżulta li din il-kumpannija ma kinitx l-aġent tal-bastiment inkwistjoni, bl-aġenti tal-bastiment ikunu kumpanniji oħrajn li assumew dan l-inkarigu. Troy Ship Management Limited kienet il-kumpannija li aġixxiet fuq struzzjonijiet tas-sidien tal-merkanzija sabiex din tinħatt u

titgħabba mill-ġdid fuq żewġ bastimenti oħra, wara li l-bastiment 'M V Blankenese' kien ġie milqut b'mandat ta' arrest, liema mandat ma kienx jaffettwa wkoll il-merkanzija li kienet qiegħda tinġarr fuqu. Ir-rappreżentant ta' Troy Ship Management Limited, Carmelo Anastasi, spjega li l-kumpannija tiegħu ma kellha l-ebda kontroll dwar il-mod kif ġiet stivata il-merkanzija fuq il-vapur, u din il-kumpannija ma kellha ebda responsabbilità marbuta mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema abbord. Inoltre ġie enfasizzat ukoll li s-soċjetà Troy Ship Management Limited fl-ebda ħin ma kienet fdata bl-inkarigu li tkun aġenta tal-bastiment, iżda kienet biss 'aġenta' tal-merkanzija, fuq talba speċifika tas-sidien tal-merkanzija stess. Minkejja li waqt is-smigħ tal-provi ġew identifikati l-aġenti proprji tal-bastiment, għal xi raġuni l-attur ħass li m'għandu jagħmel l-ebda talba sabiex dawn jissejħu fil-kawża. L-attur kien sejjaħ fil-kawża lis-soċjetà Troy Ship Management Limited wara li kien ingħata informazzjoni żbaljata minn uffiċjali ta' Transport Malta li din il-kumpannija kienet l-aġent tal-vapur. Il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda ness ta' kawżalità bejn l-inkarigu li ngħatat il-konvenuta Troy Ship Management bħala aġent tal-merkanzija, u l-inċident li kellu l-attur, li ċertament la kien impjegat ta' din il-kumpannija, u lanqas ma kien jaqa' taħt ir-responsabbiltajiet tagħha bħala aġent tal-merkanzija li ntalbet teżegwixxi l-istruzzjonijiet tas-sidien tal-merkanzija. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Troy Ship Management Limited u tqis li din mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri.

Hekk deċiża l-kwistjoni dwar min mill-konvenuti għandu jwieġeb għad-danni sofferti mill-attur, il-Qorti sejra tgħaddi biex tindirizza l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited, li

eċċepiet li l-kawża odjerna hi preskritta *ai termini* tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid illi:

> "Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom taħt dan l-Att, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment kemm-il darba –
>
> (a) Talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa ma tingħata lill-awtorità jew lill-kuntrattur skont il-każ, mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-awtorità jew mill-kuntrattur;
>
> (b) L-azzjoni ma tinbediex fi żmien tnax-il xahar mill-imsemmija data."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Casha *vs.* Valletta Gateway Terminals Limited**[57], jingħad:

> "Illi l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 jagħmel riferiment kemm għall-awtorità, kif ukoll għall-kuntrattur tagħha. Kif diġà intqal aktar 'il fuq, m'għandu jkun hemm ebda dubju li s-soċjetà konvenuta għandha titqies bħala kuntrattur tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u għalhekk is-soċjetà konvenuta bħala kuntrattur tal-awtorità tista' tipprevalixxi ruħha minn dan il-perijodu ta' dekadenza fil-każ in deżamina jekk ikunu jissussistu ċ-ċirkostanzi li jsir riferiment għalihom fl-imsemmi artikolu.
>
> Illi għalhekk dak li jibqa' x'jiġi stabbilit mill-Qorti f'din il-kawża f'dan l-istadju huwa jekk iċ-ċirkostanzi mertu ta' din il-kawża fir-rigward ta' liema l-attur qiegħed jirreklama d-danni jaqgħux fl-ambitu tal-artikolu 29 tal-Kap. 352 jew jekk l-azzjoni attriċi għandhiex titqies min-natura tagħha bħala azzjoni għad-danni bbażata fuq kulpa akwiljana taħt il-Kodiċi Ċivili.
>
> …
>
> Illi fil-każ in deżamina l-attur mhuwiex utent tas-servizzi li toffri l-awtorità jew kuntrattur tagħha. Huwa veru li l-attur huwa soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-awtorità. Huwa veru li s-sigurtà ta' impjegat jew ta' persuna imqabbda minn

[57] P.A., 27.02.2017, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-13.04.2018.

kuntrattur jew l-awtorità hi responsabbilità tagħhom, però tali responsabbilità toħroġ minn liġijiet oħra *ad hoc* dwar is-saħħa fuq il-post tax-xogħol u mhux mill-Kapitolu 352.

Illi l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 jgħid illi "ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom taħt dan l-Att"u mhux taħt xi Att ieħor. Huwa veru wkoll li l-Artikolu 29 ikompli billi jgħid, "jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment" però, kif dil-klawsola tal-liġi ġiet interpretata mill-Qorti tal-Appell (għalkemm f'każ fejn l-attur ma kienx impjegat jew imqabbad mill-kuntrattur), din l-istess interpretazzjoni għandha tapplika wkoll għal persuna mqabbda biex tagħti x-xogħol tagħha lill-kuntrattur. Tali persuna mhijiex utenti tas-servizzi offruti taħt il-Kap. 352, u dan joħroġ ċar mid-diċitura tal-liġi fejn jingħad "li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-awtorità jew mill-kuntrattur."

Ir-relazzjoni ġuridika tal-attur mal-kuntrattur jew mal-awtorità fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol mhijiex regolata bil-Kapitolu 352 u għalhekk ma jistax jingħad, bl-ebda mod, illi l-Kap. 352 hija liġi speċjali li tirregola din il-materja u li għandha tipprevali fuq il-liġi ġenerali.

Tqis illi l-iskop dikjarat tal-Kap. 352 huwa "biex jipprovdi għat-twaqqif ta' portijiet f'Malta, għar-reġistrazzjoni u l-liċenzjar ta' dgħajjes u bastimenti u sabiex jirregola l-użu tagħhom fl-ibħra territorjali ta' Malta u biex jistabbilixxi drittijiet u ħlasijiet u ħwejjeġ oħra anċillari għall-bastimenti".

Minn analiżi dettaljata tal-Kap. 352, jirriżulta illi l-obbligu tal-konvenuta li tipprovdi "*a safe working environment*" lill-ħaddiema mqabbdin minnha bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fl-ambitu tal-Kap. 352 u għalhekk kwalunkwe ksur ta' dan l-obbligu m'għandux ikun milqut min-neċessità ta' talba bil-miktub lill-kuntrattur fi żmien sitt xhur mill-inċident ..."

Tal-istess ħsieb kienet il-Qorti tal-Appell[58] fejn qalet:

"Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi l-Art. 29 tal-Kap. 352 jolqot sitwazzjonijiet fejn l-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew il-kuntrattur tagħha jkunu qegħdin jagħtu servizz lil terzi jew jinqdew b'setgħat li tagħti l-istess liġi; jolqot ir-relazzjoni bejn l-awtorità jew il-kuntrattur u dawk li jinqdew bis-servizzi tagħhom, iżda ma jolqotx ukoll ir-relazzjoni bejn l-awtorità jew il-kuntrattur tagħha u l-ħaddiema mqabbda minnhom. Ma hemm l-ebda raġuni għala l-awtorità jew il-konvenut għandhom

[58] Q.A., 13.04.2018.

> igawdu pożizzjoni privileġġjata f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-inkolumità tal-ħaddiema."

In vista ta' dawn l-insenjamenti ġurisprudenzjali, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited dwar il-preskrizzjoni.

*Quantum tad-danni:*

Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, li fil-prospett tad-danni ppreżentat minnu[59] qiegħed jitlob il-ħlas tad-differenza fl-introjtu li huwa tilef matul iż-żmien kollu li huwa ma setax jidħol għax-xogħol, minn dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, sal-ġurnata meta irtira mix-xogħol. Spejjeż oħra li l-attur kellu jinkorri konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur ma ressaq l-ebda talba dwarhom, minħabba li qal li hu bbenefika minn skemi assikurattivi li bis-saħħa tagħhom huwa ġie rifuż l-ispejjeż kollha li għamel b'rabta mal-kura u terapija li kellu bżonn jieħu konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

Il-pretensjoni tal-attur fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu hija waħda speċifika, stante li l-attur ressaq prova ta' kemm kien ser ikun id-dħul tiegħu li kieku huwa baqa' jidħol għax-xogħol regolarment, xi ħaġa li kien fl-impossibilità fiżika li jagħmel minħabba fl-inċident inkwistjoni. L-attur mhux jitlob lill-Qorti tillikwida t-telf ta' qligħ futur ibbażat fuq it-tħaddim tal-formula żviluppata bis-sentenza **Butler *vs.* Heard**, iżda qiegħed jitlob lill-Qorti tagħmel paragun u toħroġ id-differenza bejn id-dħul attwali ta' ħaddiem li baqa'

[59] *A fol.* 165 tal-proċess.

jirrapporta għax-xogħol b'mod regolari, u l-introjtu li kellu l-attur bħala *injured port worker.* Skont ix-xhieda mogħtija minn Mario Portelli waqt l-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017, it-telf attwali soffert mill-attur bejn id-19 ta' Lulju, 2013 u s-27 ta' Novembru, 2016, id-data meta l-attur laħaq l-età tal-irtirar, kien ta' €115,973.60. L-attur qal ukoll li huwa rċieva ħlas mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fis-somma ta' €20,540 jew €17,872 netti, u ħlas ta' €9,000 mill-fond tal-pensjonijiet u l-kontinġenzi tal-ħaddiema ta' Xatt, sabiex b'hekk jirriżulta li hemm diskrepanza ta' €86,433.60 bejn id-dħul attwali li kien jirċievi l-attur li kieku baqa' jidħol għax-xogħol b'mod regolari, u d-dħul li attwalment irċieva l-attur wara l-inċident li kellu.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta Troy Ship Management Limited;**

2. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti Valletta Gateway Terminals Limited u Awtorità għat-Trasport f'Malta;**

3. **Tilqa' t-talbiet tal-attur limitatament fil-konfront tal-konvenuti Valletta Gateway Terminals Limited u Awtorità tat-Transport f'Malta, u tiddikjarahom solidament responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri li seħħ fid-19 ta' Lulju, 2013 ġewwa Laboratory Wharf, Kordin, abbord il-bastiment reġistrat bl-isem ta' 'Blankenese',**

**u konsegwentement l-imsemmija konvenuti huma responsabbli għad-danni kollha li sofra l-istess attur b'riżultat tal-imsemmi inċident;**

4. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' sitta u tmenin elf, erba' mija u tlieta u tletin Euro u sittin ċenteżmu (€86,433.60), u tikkundanna lill-konvenuti Valletta Gateway Terminals Limited u Awtorità għat-Transport Malta jħallsu solidament bejniethom lill-attur is-somma hekk likwidata bħala danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti Valletta Gateway Terminals Limited u Awtorità għat-Transport f'Malta.**

Moqrija.